Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

7 ta' Ottubru 2015*

"Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Politika ekonomika u monetarja — BĊE — Banek ċentrali nazzjonali — Ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg — Programm ta' xiri ta' titoli — Ftehim ta' skambju ta' titoli favur il-banek ċentrali tal-Eurosistema biss — Involviment tas-settur privat — Klawżoli ta' azzjoni kollettiva — Tisħiħ tal-kollateral fil-forma ta' programm ta' xiri mill-ġdid intiż sabiex tissaħħaħ il-kwalità tat-titoli bħala garanziji — Kredituri privati — Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi — Aspettattivi leġittimi — Ugwaljanza fit-trattament — Responsabbiltà mill-fatt ta' att normattiv leċitu — Dannu anormali u speċjali"

Fil-Kawża T-79/13,

**Alessandro Accorinti**, residenti fi Nichelino (l-Italja), u r-rikorrenti li isimhom jidher fl-anness, irrappreżentati minn S. Sutti, R. Spelta u G. Sanna, avukati,

rikorrenti,

vs

**Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)**, inizjalment irrappreżentat minn S. Bening, u P. Papapaschalis, sussegwentement minn P. Senkovic u P. Papapaschalis, u fl-aħħar nett minn P. Senkovic, bħala aġenti, assistiti minn E. Castellani, B. Kaiser u T. Lübbig, avukati,

konvenut,

li għandha bħala suġġett rikors intiż għall-kisba tal-kumpens għad-dannu sostnut mir-rikorrenti bħala riżultat ta', b'mod partikolari, l-adozzjoni, mill-BĊE, tad-Deċiżjoni 2012/153/UE, tal-5 ta' Marzu 2012, dwar l-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika Ellenika fil-kuntest tal-offerta għall-iskambju ta' dejn tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 77, p. 19), kif ukoll miżuri oħra tal-BĊE marbuta mar-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Prek, President, I. Labucka u V. Kreuschitz (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tal-25 ta' Frar 2015,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

## Sentenza

### Il-kuntest ġuridiku

1 L-Artikolu 127(1) u (2) TFUE jistabbilixxi l-għanijiet u l-ħidmiet bażiċi tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ).

2 L-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(1) tal-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU 2010, C 83, p. 230, iktar 'il quddiem l-"Istatuti") jiddefinixxu dawn l-għanijiet u dawn il-ħidmiet b'mod identiku.

3 L-Artikolu 18 tal-Istatuti jipprovdi:

"1. Sabiex jinkisbu l-għanijiet tas-SEBĊ u sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu:

— joperaw fis-swieq finanzjarji billi jixtru u jbiegħu fil-mument (spot and forward) jew taħt ftehim ta' rkupru u b'titoli ta' self, ta' kreditu, u li jkunu trasferibbli sew jekk f'euro jew f'muniti oħra, kif ukoll f'metalli prezzjużi;

— imexxu operazzjonijiet ta' kreditu ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u parteċipanti oħra fis-suq, meta is-self ikun ibbażat fuq garanziji kollaterali adegwati.

2. Il-BĊE jistabbilixxi prinċipji ġenerali għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ u ta' kreditu li jitwettqu minnu stess jew mill-banek ċentrali nazzjonali, inkluż għal mod kif jitħabbru il-kondizzjonijiet li taħthom huma jkunu lesti li jidħlu fi tranżazzjonijiet bħal dawn."

4 Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) iddefinixxa l-prinċipji ġenerali tal-operazzjonijiet tas-suq miftuħ u ta' kreditu, qabel kollox, fil-Linji Gwida tiegħu 2000/776/BĊE, tal-31 ta' Awwissu 2000, dwar l-istrumenti tal-politika monetarja u l-proċedura tal-Ewrosistema (BĊE/2000/7) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 268). Dawn il-Linji Gwida ġew sussegwentement emendati diversi drabi u, fl-aħħar nett, ġew ikkonsolidati u ssostitwiti, b'effett mill-1 ta' Jannar 2012, permezz tal-Linji Gwida tal-BĊE 2011/817/UE, tal-20 ta' Settembru 2011, dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2011/14) (ĠU L 331, p. 1). L-Anness I tal-imsemmija Linji Gwida, intitolat "Dokumentazzjoni ġenerali fuq l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema" (iktar 'il quddiem id-"dokumentazzjoni ġenerali"), jesponi l-kriterji li jirregolaw l-implementazzjoni uniformi tal-politika monetarja fiż-żona tal-euro, fosthom id-definizzjoni tal-"assi eliġibbli" (punt 6). Il-BĊE ppreċiża din id-definizzjoni, fl-aħħar lok, fil-Linji Gwida 2011/817 tiegħu, b'mod partikolari billi stabbilixxa, fil-punti 6.3.1 u 6.3.2 tad-dokumentazzjoni ġenerali, il-kriterji li jirregolaw kemm ir-rekwiżit minimu fil-qasam tal-istandards ta' kreditu jew tal-limitu ta' kwalità tal-kreditu kif ukoll l-istandards ta' kreditu għoljin għal assi negozjabbli.

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

5 F'Mejju 2010, minħabba l-kriżi finanzjarja tal-Istat Grieg u minħabba d-diskussjonijiet dwar pjan ta' ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg sostnut mill-Istati Membri taż-żona tal-euro u mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), l-evalwazzjoni normali mis-swieq finanzjarji tat-titoli ta' dejn maħruġa mill-Gvern Grieg ġiet imfixkla, u dan kellu riperkussjonijiet negattivi fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro.

6 Fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni, permezz ta' Deċiżjoni 2010/268/UE, tas-6 ta' Mejju 2010, dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn għas-suq maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Grieg (BĊE/2010/3) (ĠU L 117, p. 102), il-BĊE ddeċieda li b'mod temporanju jissospendi "[i]r-rekwiżiti minimi tal-Eurosistema għal-limiti tal-kwalità tal-kreditu, kif speċifikat fir-regoli tal-qafas tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema għal titoli għas-suq [fil-punt] 6.3.2 tad-Dokumentazzjoni Ġenerali" (Artikolu 1(1) tal-imsemmija deċiżjoni). Skont l-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni, "[i]l-limitu tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema m'għandux japplika għal strumenti ta' dejn għas-suq maħruġin mill-Gvern Grieg" u "[d]an l-attiv għandu jikkostitwixxi garanzija eliġibbli għall-finijiet tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema irrispettivament mill-klassifika esterna tal-kreditu tiegħu." L-Artikolu 3 tal-istess deċiżjoni jipprevedi regola analoga għal "strumenti ta' dejn għas-suq maħruġin minn entitajiet imwaqqfa fil-Greċja u ggarantiti bis-sħiħ mill-Gvern Grieg".

7 Skont il-premessa 5 tad-Deċiżjoni 2010/268, b'mod partikolari, "[d]in il-miżura eċċezzjonali [...] [g]ħandha tapplika temporanjament, sakemm il-Kunsill Governattiv iqis illi l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tippermetti l-applikazzjoni normali tal-qafas tal-Eurosistema għal operazzjonijiet ta' politika monetarja".

8 Fl-14 ta' Mejju 2010, il-BĊE adotta d-Deċiżjoni 2010/281/UE li tistabbilixxi programm għas-swieq tat-titoli (BĊE/2010/5) (ĠU L 124, p. 8), abbażi tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) TFUE u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 18(1) tal-Istatuti.

9 Fil-premessi 2 sa 5 tad-Deċiżjoni 2010/281 huwa, b'mod partikolari, indikat dan li ġej:

"(2) Fid-9 ta' Mejju 2010 l-Kunsill Governattiv iddeċieda u ħabbar pubblikament li, minħabba ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li hawn bħalissa fis-swieq finanzjarji, ikkaratterizzati b'tensjonijiet kbar f'ċerti setturi tas-suq li qed itellfu l-mekkaniżmu tat-trażmissjoni tal-politika monetarja u b'hekk it-tħaddim effettiv tal-politika monetarja orjentata lejn l-istabbiltà tal-prezzijiet fi żmien medju, għandu jiġi mniedi programm temporanju għas-swieq tat-titoli (minn hawn 'il quddiem il-"programm"). Taħt il-programm, il-[banek ċentrali nazzjonali] taż-żona tal-euro, skont l-ishma ta' persentaġġ tagħhom fl-iskema ta' sottoskrizzjoni għall-kapital tal-BĊE, u l-BĊE, f'kuntatt dirett mal-kontropartijiet, jistgħu jagħmlu interventi b'titolu definittiv fis-swieq tat-titoli ta' dejn pubbliku u privat taż-żona tal-euro.

(3) Il-programm jifforma parti mill-politika monetarja waħdanija tal-Eurosistema u ser japplika temporanjament. L-għan tal-programm huwa li jindirizza l-funzjonament ħażin tas-swieq tat-titoli u jqajjem mill-ġdid mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja xieraq.

[...]

(5) Bħala parti mill-politika monetarja waħdanija tal-Eurosistema, ix-xiri b'titolu definittiv ta' strumenti ta' dejn negozjabbli eliġibbli minn banek ċentrali tal-Eurosistema taħt il-programm għandu jiġi implimentat skont il-kundizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni".

10 Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2010/281, bit-Titolu "Twaqqif tal-programm għas-swieq tat-titoli", b'mod partikolari, "il-banek ċentrali tal-Eurosistema jistgħu jixtru [,...] fis-suq sekondarju, strumenti ta' dejn negozzjabbli eliġibbli maħruġin mill-gvernijiet ċentrali jew minn entitajiet pubbliċi tal-Istati Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro [...]". L-Artikolu 2 jipprevedi bħala kriterji ta' eliġibbiltà għat-titoli ta' debitu, b'mod partikolari, li dawn ikunu "denominati f'euro" u maħruġin mill-imsemmija amministrazzjonijiet ċentrali jew mill-imsemmija organi pubbliċi.

11 Skont stqarrija għall-istampa tal-1 ta' Lulju 2011 tal-Istitut Internazzjonali tal-Finanzi (IIF), l-assoċjazzjoni globali tal-istituzzjonijiet finanzjarji ddikjarat, b'mod partikolari:

"Il-Bord tad-Direttur tal-Istitut Internazzjonali tal-Finanzi jfittex li jaħdem mal-assoċjati tiegħu u mal-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħra, mas-settur pubbliku u l-awtoritajiet Elleniċi, mhux biss sabiex joffri lir-[Repubblika Ellenika] kontribuzzjoni sostanzjali f'termini ta' likwidità, iżda wkoll sabiex jistabbilixxi l-pedamenti ta' pożizzjoni ta' dejn iktar sostenibbli.

Il-komunità finanzjarja privata hija lesta li tagħmel sforz volontarju ta' kooperazzjoni, trasparenti u fuq skala kbira, sabiex tappoġġja lir-[Repubblika Ellenika], fid-dawl tan-natura unika u eċċezzjonali taċ-ċirkustanzi. […]

Il-kontribuzzjoni tal-investituri privati ser tkun qiegħda tikkumplimenta s-sostenn finanzjarju u tat-teżor pubbliku u se tkun limitata għal numru limitat ta' opzonijiet […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

12 Fil-21 ta' Lulju 2011, il-kapijiet ta' Stat jew ta' gvern taż-żona tal-euro u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ltaqgħu sabiex jiddeliberaw dwar miżuri li għandhom jittieħdu sabiex id-diffikultajiet li kienet qiegħda tiffaċċja ż-żona tal-euro jingħelbu.

13 Fid-dikjarazzjoni konġunta tagħhom tal-21 ta' Lulju 2011, hemm espost, b'mod partikolari, dan li ġej:

"1. Aħna sodisfatti bil-miżuri meħuda mill-Gvern Grieg sabiex jistabbilizza l-finanzi pubbliċi tiegħu u [sabiex] jirriforma l-ekonomija tiegħu, kif ukoll is-sensiela l-ġdida ta' miżuri, inklużi dawk ta' privatizzazzjoni, li ġiet adottata reċentement mill-Parlament Grieg. Dawn il-miżuri jikkostitwixxu sforzi mingħajr preċedent, iżda li huma neċessarji sabiex l-ekonomija Griega terġa' taqbad it-triq ta' tkabbir sostenibbli. Aħna nagħrfu l-isforzi li l-miżuri ta' aġġustament jikkawżaw liċ-ċittadini Griegi u ninsabu konvinti li dawn is-sagrifiċċji huma indispensabbli għall-irkupru ekonomiku u li dawn se jikkontribwixxu għall-istabbiltà u għall-prosperità futuri tal-pajjiż.

2. Aħna naqblu li nappoġġjaw programm ġdid għar-[Repubblika Ellenika] u, flimkien mal-FMI u l-kontribuzzjoni volontarja tas-settur privat, li nkopru b'mod sħiħ id-defiċit ta' finanzjament. Il-finanzjament pubbliku totali se jkun ta' ammont stmat li jlaħħaq EUR 109 biljun. Dan il-programm se jkun intiż, b'mod partikolari bis-saħħa ta' tnaqqis tar-rati ta' interess u ta' estensjoni taż-żmien għal ħlas lura, sabiex id-dejn jerġà jinġieb għal livell ħafna iktar sopportabbli u sabiex il-profil ta' finanzjament mill-ġdid [tar-Repubblika Ellenika] jitjieb. Inħeġġu lill-FMI sabiex ikompli jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-programm il-ġdid [għar-Repubblika Ellenika]. Għandna l-intenzjoni nużaw il-[Fond Ewropew ta' Stabbiltà Finanzjarja] bħala strument ta' finanzjament għall-iżborż li jmiss. Se nsegwu mill-qrib ħafna l-implementazzjoni rigoruża tal-programma abbażi ta' evalwazzjoni regolari mwettqa mill-Kummissjoni b'ħidma mal-BĊE u l-FMI.

[…]

5. Is-settur finanzjarju indika li kien lest jappoġġja [lir-Repubblika Ellenika] fuq bażi volontarja billi jagħmel użu minn diversi possibbiltajiet li jippermettu li l-vijabbiltà globali tissaħħaħ iktar. Il-kontribuzzjoni netta tas-settur privat hija stmata li tilħaq EUR 37 biljun […]. Tisħiħ tal-kollateral se jkun ipprovdut sabiex isaħħaħ il-kwalità tal-garanzija, sabiex jiġi permess l-użu kontinwu tagħha sabiex il-banek Griegi jkunu jistgħu jaċċedu għall-operazzjonijiet ta' likwidità tal-Eurosistema. Aħna se nipprovdu riżorsi xierqa għall-kapitalizzazzjoni mill-ġdid tal-banek Griegi jekk dan ikun neċessarju."

14 Fir-rigward tal-parteċipazzjoni tas-settur privat, l-imsemmija dikjarazzjoni tindika, fil-punt 6 tagħha, dan li ġej:

"F'dak li jikkonċerna l-approċċ ġenerali fir-rigward tal-parteċipazzjoni tas-settur privat fiż-żona tal-euro, nixtiequ nippreċiżaw li [r-Repubblika Ellenika] teħtieġ soluzzjoni eċċezzjonali u speċifika immens."

15 Matul is-sammit tagħhom tas-26 ta' Ottubru 2011, il-kapijiet tal-Istat jew ta' gvern taż-żona tal-euro ddikjaraw, b'mod partikolari, dan li ġej:

"12. Il-parteċipazzjoni tas-settur privat għandha rwol vitali sabiex id-dejn [tar-Repubblika Ellenika] jerġà jitpoġġa f'livell sopportabbli. Dan huwa għaliex aħna sodisfatti bid-diskussjonijiet li għaddejjin bejn [ir-Repubblika Ellenika] u l-investituri privati tagħha intiżi sabiex tinstab soluzzjoni li tippermetti li l-parteċipazzjoni tas-settur privat tiżdied. B'mod parallel għal programm ta' riforma ambizzjuż għall-ekonomija Griega, il-parteċipazzjoni tas-settur privat għandha tiggarantixxi t-tnaqqis tal-proporzjon bejn id-dejn Grieg u l-Prodott Gross Domestiku, bl-għan ikun li tintlaħaq ir-rata ta' 120 % minn issa sal-2020. Għal dan l-għan, nistiednu [lir-Repubblika Ellenika], lill-investituri privati u l-partijiet kollha kkonċernati sabiex jistabbilixxu skambju volntarju ta' bonds bi tnaqqis nominali ta' 50 % fuq il-valur kunċettwali tad-dejn Grieg miżmum mill-investituri privati. L-Istati Membri taż-żona tal-euro se jikkontribwixxu għall-miżuri kollha relatati mal-parteċipazzjoni tas-settur privat sa EUR 30 biljun. Abbażi ta' dan, is-settur pubbliku huwa lest jipprovdi finanzjament addizzjonali skont il-programm ta' ammont li jlaħħaq sa EUR 100 biljun sal-2014, inkluż il-kapitalizzazzjoni mill-ġdid meħtieġa tal-banek Grieg. Il-programm il-ġdid għandu jiġi deċiż minn issa sa tmiem l-2011 u l-iskambju ta' bonds għandu jiġi implementat sal-bidu tal-2012. Nitolbu lill-FMI sabiex ikompli jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-programm Grieg il-ġdid.

[...]

14. Tisħiħ tal-kollateral se jiġi pprovdut sabiex tissaħħaħ il-kwalità tal-garanzija, u dan sabiex tippermetti lill-banek Griegi jkomplu jagħmlu użu minnha sabiex ikollhom aċċess għall-operazzjonijiet ta' għoti ta' likwidità fil-kuntest tal-Eurosistema.

15. F'dak li jikkonċerna l-approċċ ġenerali tagħna fir-rigward tal-parteċipazzjoni tas-settur privat fiż-żona tal-euro, infakkru d-deċiżjoni li ħadna fil-21 ta' Lulju [2011], li tgħid li s-sitwazzjoni [tar-Repubblika Ellenika] teħtieġ soluzzjoni eċċezzjonali u unika."

16 Skont stqarrija għall-istampa tal-Ministeru tal-Finanzi Elleniku tas-17 ta' Novembru 2011, l-imsemmi Ministru kien nieda negozjati mad-detenturi ta' titoli ta' dejn Griegi bl-għan li jipprepara tranżazzjoni ta' skambju volontarju ta' tali titoli bi tnaqqis ("haircut") nominali ta' 50 % fuq il-valur kunċettwali ("notional value") tad-dejn Grieg miżmum mill-investituri privati, kif previst fil-punt 12 tad-dikjarazzjoni tas-26 ta' Ottubru 2011.

17 Fil-15 ta' Frar 2012, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema, minn naħa, ir-Repubblika Ellenika, min-naħa l-oħra, laħqu ftehim ta' skambju bl-għan li jsir skambju tat-titoli ta' dejn Griegi miżmuma mill-BĊE u mill-banek ċentrali nazzjoni ma' titoli ta' dejn Griegi ġodda bl-istess valuri nominali, l-istess rati ta' interess, l-istess dati ta' ħlas tal-interessi u ta' ħlas lura bħal tat-titoli intiżi li jiġu skambjati, iżda li għandhom numru tas-serje u dati differenti.

18 Fis-17 ta' Frar 2012, fuq talba tal-Ministeru tal-Finanzi Grieg skont l-Artikolu 127(4) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 282(5) TFUE, il-BĊE ta opinjoni pożittiva fuq abbozz ta' liġi Grieg dwar il-parteċipazzjoni tal-krudituri privati fir-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku tar-Repubblika Ellenika, ibbażata b'mod partikolari fuq l-applikazzjoni tal-"klawżoli ta' azzjoni kollettiva" (iktar 'il quddiem il-"KAK").

19 Skont id-dikjarazzjoni tal-Eurogrupp tal-21 ta' Frar 2012, b'mod partikolari:

"[...] Il-Eurogrupp jagħraf li l-awtoritajiet Griegi u s-settur privat waslu għal ftehim dwar il-kundizzjonijiet ġenerali tal-offerta ta' skambju skont il-[Private Sector Involvement (PSI)] li jikkonċerna lid-detenturi kollha ta' titoli tas-settur privat. Dan il-ftehim jiggarantixxi rata ta' tnaqqis ta' 53.5 %. Il-Eurogrupp iqis li dan il-ftehim jikkostitwixxi bażi xierqa għall-ftuħ tal-istedina għall-iskambju magħmul mid-detenturi ta' titoli tal-Istat Griegi (PSI). Is-suċċess tal-operazzjoni ta' PSI jikkostitwixxi kundizzjoni preliminari neċessarja għal programm intiż li jieħu post il-programm attwali. Il-Eurogrupp qiegħed iserraħ fuq parteċipazzjoni kbira tal-kredituri privati fl-iskambju tad-dejn, li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għas-sostenibbiltà tad-dejn [tar-Repubblika Ellenika].

[...]

Il-Eurogrupp jagħraf li t-titoli tal-Istat Griegi huma miżmuma mill-Eurosistema (il-BĊE u l-[banek ċentrali nazzjonali]) għal finijiet ta' interess pubbliku. Il-Eurogrupp jagħraf li l-profitti ġġenerati mit-titoli tal-Istati griegi miżmuma mill-Eurosistema sejrin jikkontribwixxu għall-profitti tal-BĊE u tal-[banek ċentrali nazzjonali]. Il-profitti tal-BĊE se jitħallsu lill-[banek ċentrali nazzjonali] skont ir-regoli statutorji tad-distribuzzjoni tal-profitti tal-BĊE. Il-profitti tal-[banek ċentrali nazzjoni] se jit]allsu lill-Istati Membri taż-żona tal-euro, skont ir-regoli statutorji [tal-imsemmija banek] dwar id-distribuzzjoni tal-profitti".

20 Fi stqarrija għall-istampa tal-21 ta' Frar 2012, il-Ministeru tal-Finanzi Grieg, minn naħa, żvela l-karatteristiċi essenzjali tat-tranżazzjoni mbassra ta' skambju volontarju ta' titoli ta' dejn Griegi u, min-naħa l-oħra, ħabbar il-preparazzjoni u l-adozzjoni ta' liġi għal dan l-għan. Din it-tranżazzjoni kellha tinkludi talba ta' ftehim u stedina indirizzata lid-detenturi privati ta' ċerti titoli ta' dejn Griegi bl-għan li dawn tal-aħħar jiġu skambjati mat-titoli l-ġodda b'valur nominali ugwali għal 31.5 % tal-valur tad-dejn skambjat kif ukoll ma' titoli maħruġa mill-Fond Ewropew ta' Stabbiltà Finanzjarja (FESF) li jimmaturaw wara 24 xahar u li għandhom valur nominali ta' 15 % ta' dak tad-dejn skambjat, u dawn it-titoli għandhom jiġu pprovduti mir-Repubblika Ellenika mal-għeluq tal-ftehim. Barra minn hekk, kull investitur privat parteċipanti f'din it-tranżazzjoni kellu jirċievi sigurtajiet separabbli tar-Repubblika Ellenika marbuta mal-prodott gross domestiku b'valur kunċettwali ugwali għal dak tat-titoli ta' dejn il-ġodda.

21 Fi stqarrija għall-istampa tal-24 ta' Frar 2012, il-Ministeru tal-Finanzi Grieg ippreċiża l-kundizzjonijiet li jirregolaw it-tranżazzjoni ta' skambju volontarju ta' titoli ta' dejn li jinvolvu lill-investituri privati [Private Sector Involvement (iktar 'il quddiem il-"PSI"] billi għamel riferiment għal-Liġi Ellenika Nru 4050/2012 dwar id-detenturi ta' titoli ta' dejn Griegi, li kienet ġiet adottata mill-Parlament Grieg fit-23 ta' Frar 2012. Din il-liġi tintroduċi proċedura skont il-KAK, li skontha l-emendi proposti saru legalment vinkolanti għal kull detentur ta' titoli ta' dejn irregolati mid-dritt Grieg u maħruġa qabel il-31 ta' Diċembru 2011, kif identifikati fl-att tal-Kunsill tal-Ministri li japprova l-istediniet PSI, jekk l-imsemmija emendi jiġu approvati, b'mod kollettiv u mingħajr distinzjoni skont is-serje, permezz ta' *quorum* ta' detenturi ta' titoli li jirrappreżentaw tal-inqas żewġ terzi mill-valur nominali tal-imsemmija titoli. Fil-preambolu tal-imsemmija liġi, b'mod partikolari hemm indikat li "[...] il-B[ĊE] u l-membri l-oħra tal-Eurosistema kkonkludew ftehimiet partikolari mar-[Repubblika Ellenika] sabiex jiġi evitat li l-missjoni tagħhom u r-rwol istituzzjonali tagħhom, l-istess bħar-rwol tal-B[ĊE] fil-qasam ta' tfassil tal-politika monetarja, kif jirriżultaw mit-trattat, ma jkunux kompromessi".

22 Skont il-premessa 3 tad-Deċiżjoni 2012/433/UE, tat-18 ta' Lulju 2012, li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2012/3 dwar l-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika Ellenika fil-kuntest tal-offerta għall-iskambju ta' dejn tar-Repubblika Ellenika (BĊE/2012/14) (ĠU L 199, p. 26), b'mod parallel, fl-24 ta' Frar 2012, tisħiħ ta' kollateral fil-forma ta' programm ta' xiri mill-ġdid, intiż sabiex jappoġġja l-kwalità tat-titoli ta' dejn negozjabbli maħruġa jew iggarantiti mir-Repubblika Ellenika, ġie pprovdut favur il-banek ċentrali nazzjonali.

23 Ir-rikorrenti, Alessandro Accorinti u r-rikorrenti li isimhom jidher fl-Anness, detenturi ta' titoli ta' dejn Griegi, ipparteċipaw fir-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg u soffrew telf sostanzjali tal-valur nominali tat-titoli tagħhom waqt l-implementazzjoni tal-offerta ta' skambju ta' bonds Griegi fil-kuntest tal-PSI u fil-kuntest tal-proċedura skont il-KAK li tirrendi obbligatorju l-iskambju ta' titoli għall-investituri privati kollha kkonċernati, abbażi tal-Liġi Ellenika Nru 4050/2012.

24 Fis-27 ta' Frar 2012, il-BĊE adotta d-Deċiżjoni 2012/133/UE li tħassar Deċiżjoni BĊE/2010/3 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn għas-suq maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Grieg (BĊE/2012/2) (ĠU L 59, p. 36) (ara l-punt 6 iktar 'il fuq), u dan kellu l-effett li jissospendi l-eliġibbiltà tat-titoli ta' dejn Griegi bħala sigurtajiet għall-finijiet ta' operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema.

25 Insostenn ta' dan it-tħassir, il-premessi 4 u 5 tad-Deċiżjoni 2012/133 jesponu, minn naħa, li "[i]r-Repubblika Ellenika ddeċidiet li tniedi offerta għall-iskambju ta' dejn fil-kuntest tal-involviment tas-settur privat lil detenturi ta' strumenti ta' dejn għas-suq maħruġin mill-Gvern Grieg" u, min-naħa l-oħra, li "[l-]adegwatezza bħala kollateral għal operazzjonijiet tal-Eurosistema tal-istrumenti ta' dejn għas-suq maħruġin mill-Gvern Grieg, jew maħruġin minn entitajiet stabbiliti fil-Greċja u ggarantiti bis-sħiħ mill-Gvern Grieg, kompliet tintlaqat b'mod negattiv b'din id-deċiżjoni tar-Repubblika Ellenika".

26 Skont l-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni, din daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2012.

27 Fi protokoll ta' ftehim tal-1 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni Ewropea, li kienet qiegħda taġixxi f'isem l-Istati Membri taż-żona tal-euro, u r-Repubblika Ellenika qablu, b'mod partikolari, fuq dan li ġej:

"Ir-Repubblika Ellenika se tniedi offerta ta' skambju għal titoli ta' dejn eliġibbli għadhom ma tħallsux, bl-għan li jitnaqqas il-valur nominali tagħhom b'53.5 %. Id-detenturi ta' tali titoli se jiġu offruti l-iskambju tat-titoli ta' dejn eżistenti ma' titoli ġodda tar-Repubblika Ellenika b'valur nominali ta' 31.5 % tal-valur nominali oriġinali. Barra minn hekk, 15 % tal-valur nominali oriġinali se jkun kopert fil-forma ta' titoli mogħtija lill-imsemmija detenturi […]"

28 Fir-rigward tal-krediti li għandhom jingħataw mill-FESF, fih hemm sostnut, b'mod partikolari, dan li ġej:

"Ammont ta' EUR 35 biljun se jintuża sabiex tiġi ffaċilitata ż-żamma tal-eliġibbiltà tal-istrumenti negozjabbli ta' dejn maħruġa jew iggarantiti mill-Gvern Grieg bħala sigurtà għall-finijiet tal-operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema. Dan se jinkiseb permezz tal-implementazzjoni ta' programm ta' xiri mill-ġdid sakemm klassifikazzjoni awtomatika jew selettiva ta' ħlas tkun attribwita lir-Repubblika Ellenika jew lit-titoli ta' dejn tagħha bħala konsegwenza tal-offerta ta' skambju ta' dejn […]"

29 Fl-1 ta' Marzu 2012, il-FESF, ir-Repubblika Ellenika, il-Fond ta' Stabbiltà Finanzjarja Ellenika, bħala garanti, u l-Bank Ċentrali Grieg laħqu ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja ta' EUR 35 biljun għall-finanzjament tat-tisħiħ tal-kollateral fil-forma ta' programma ta' xiri mill-ġdid u sabiex tiġi ffaċilitata ż-żamma tal-eliġibbiltà tat-titoli ta' dejn Griegi bħala garanziji fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema.

30 Fil-5 ta' Marzu 2012, il-BĊE adotta d-Deċiżjoni 2012/153/UE dwar l-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika Ellenika fil-kuntest tal-offerta għall-iskambju ta' dejn tar-Repubblika Ellenika (BĊE/2012/3) (ĠU L 77, p. 19).

31 Skont l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2012/153, "[l-]użu, bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika Ellenika li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti minimi tal-Eurosistema għal-limiti tal-kwalità tal-kreditu, [...]

filwaqt illi jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà l-oħrajn speċifikati [fid-dokumentazzjoni ġenerali], għandhom ikunu kundizzjonali fuq il-provvista mir-Repubblika Ellenika [lill-banek ċentrali nazzjonali] ta' tisħiħ tal-kollateral f'forma ta' skema ta' riakkwist. L-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2012/153 jipprovdi li "[l-]istrumenti ta' dejn negozzjabbli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibqgħu eliġibbli għad-dewmien tat-tisħiħ tal-kollateral." Skont l-Artikolu 2 tagħha, l-imsemmija deċiżjoni daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Marzu 2012.

32 Fil-premessa 2 tad-Deċiżjoni 2012/153, hemm indikat dan li ġej:

"Fil-21 ta' Lulju 2011, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ħabbru miżuri biex jistabilizzaw il-finanzi pubbliċi Griegi, li kienu jinkludu l-impenn tagħhom li jtejbu l-kollateral biex tissaħħaħ il-kwalità ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti mir-Repubblika Ellenika. Il-Kunsill Governattiv iddeċieda illi dan it-tisħiħ tal-kollateral [kellu] jsir mir-Repubblika Ellenika għall-benefiċċju tal-banek ċentrali nazzjonali [...]."

33 Skont il-premessa 3 tal-imsemmija deċiżjoni:

"Il-Kunsill Governattiv iddeċieda illi l-limitu tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema [kellu] jiġi sospiż fir-rigward ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika Ellenika li [kienu] koperti mit-tisħiħ tal-kollateral[.]"

34 Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2012/153, din daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Marzu 2012.

35 Permezz tad-Deċiżjoni 2012/433, il-BĊE ħassar id-Deċiżjoni 2012/153 b'effett mill-25 ta' Lulju 2012 (Artikoli 1 u 2).

36 Fil-premessa 3 tal-imsemmija deċiżjoni, hemm indikat dan li ġej:

"Fil-kuntest tal-offerta għall-iskambju ta' dejn varata mir-Repubblika Ellenika lid-detenturi ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Grieg, fl-24 ta' Frar 2012 sar provvediment għal tisħiħ tal-kollateral fil-forma ta' skema ta' riakkwist biex issostni l-kwalità ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti mir-Repubblika Ellenika għall-benefiċċju tal-banek ċentrali nazzjonali."

37 B'riżultat ta' deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, dan ippubblika, fis-6 ta' Settembru 2012, bit-Titolu "6 ta' Settembru 2012 – Karatteristiċi tekniċi marbuta mal-operazzjonijiet monetarji definittivi", l-istqarrija għall-istampa li ġejja:

"Kif tħabbar fit-2 ta' Awwissu 2012, il-Kunsill Governattiv tal-[BĊE] illum ħa deċiżjonijiet li jikkonċernaw ċertu numru ta' karatteristiċi tekniċi dwar l-operazzjonijiet monetarji definittivi tal-Eurosistema fis-swieq sekondarji tad-dejn sovran, intiżi sabiex jippreżervaw trażmissjoni xierqa tal-politika monetarja kif ukoll l-uniċità tal-politika monetarja. Dawn l-operazzjonijiet se jissejħu operazzjonijiet monetarji definittivi (Outright Monetary Transactions – OMT) u se jitwettqu skont il-qafas li ġej:

Kundizzjonalità Kundizzjoni neċessarja tal-operazzjonijiet monetarji definittivi tirrelata mal-kundizzjonalità stretta u effettiva marbuta ma' programm xieraq tal-Fond Ewropew ta' Stabbiltà Finanzjarja/Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (FESF/MES). Dawn il-programmi jistgħu jieħdu l-forma ta' programm komplet ta' aġġustament makroekonomiku jew ta' programm ta' prekawzjoni (linja ta' kreditu b'kundizzjonijiet imsaħħa – Enhanced Conditions Credit Line) tal-FESF/MES, bil-kundizzjoni li dawn jipprevedu l-possibbiltà għall-FESF/MES li jixtru titoli fis-suq primarju. Il-parteċipazzjoni tal-FMI għandha wkoll titfittex għad-definizzjoni tal-kundizzjonalità speċifika għal kull pajjiż u l-monitoraġġ ta' tali programm. Il-Kunsill Governattiv se jikkunsidra l-possibbiltà li

jwettaq Operazzjonijiet Monetarji Definittivi sa fejn dawn ikunu ġġustifikati mill-perspettiva tal-politika monetarja, bil-kundizzjoni li l-kundizzjonalità tal-programm tkun osservata b'mod sħiħ, u ttemmhom meta dawn ikunu laħqu l-għan tagħhom jew fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku jew tal-programm ta' prekawzjoni. Wara eżami fil-fond, se jkun totalment f'idejn il-Kunsill Governattiv sabiex jiddeċiedi dwar il-bidu, il-kontinwazzjoni u s-sospensjoni tal-Operazzjonijiet Monetarji Definittivi, billi jaġixxi skont il-mandat tiegħu ta' politika monetarja.

Kamp Kopert L-operazzjonijiet monetarji definittivi se jiġu kkunsidrati għall-każijiet futuri ta' programmi ta' aġġustament makroenomiku jew ta' programmi ta' prekawżjoni tal-FESF/MES, kif indikat iktar 'il quddiem. Huma jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati għall-Istati Membri li diġà qegħdin japplikaw programm ta' aġġustament makroekonomiku, meta dawn ikunu kisbu mill-ġdid aċċess għas-suq tal-bonds. It-tranżazzjonijiet se jikkonċentraw fuq il-parti qasira tal-kurva tar-rendita, u b'mod partikolari fuq il-bonds sovrani b'maturità ta' bejn sena u tliet snin. Ebda limitu kwantitattiv ma huwa stabbilit minn qabel dwar l-ammont tal-operazzjonijiet monetarji definittivi.

Trattament tal-kredituri L-Eurosistema għandha l-intenzjoni li tikkjarifika fl-att legali dwar l-operazzjonijiet monetarji definittivi li hija taċċetta l-istess trattament (*pari passu*) bħall-kredituri privati jew oħrajn f'dak li jikkonċerna l-bonds maħruġa mill-pajjiżi taż-żona tal-euro u akkwistati mill-Eurosistema permezz ta' operazzjonijiet monetarji definittivi, skont il-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn il-bonds. [...]"

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

38 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-11 ta' Frar 2013, ir-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors.

39 Permezz ta' att ippreżentat lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-27 ta' Mejju 2013, Nausicaa Anadyomène SAS, kumpannija stabbilita f'Pariġi (Franza) u li għandha bħala skop ix-xiri, il-ġestjoni f'isimha stess u l-valorizzazzjoni ta' bonds, talbet li tintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti u sabiex jintbagħtulha l-atti proċedurali kollha fil-kuntest ta' din il-kawża, minbarra d-dokumenti meqjusa kunfidenzjali.

40 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Ġunju 2013, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti Ġenerali tawtorizza lil Nausicaa Anadyomène tintervjeni insostenn tat-talbiet tagħhom kif ukoll sabiex jinbagħtulha l-atti proċedurali kollha fil-kuntest ta' din il-kawża.

41 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Ġunju 2013, il-BĊE talab iċ-ċaħda tat-talba għal intervent ta' Nausicaa Anadyomène minħabba li, b'mod partikolari, hija ma kinitx qiegħda tiġġustifikaha b'interess dirett u attwali għar-riżultat tal-kawża fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u sabiex il-Qorti Ġenerali tikkundannaha għall-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk esposti mill-BĊE.

42 Peress illi kien hemm bidla fil-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lir-Raba' Awla, u konsegwentement din il-kawża ġiet assenjata lil din l-Awla.

43 Permezz ta' digriet tat-13 ta' Diċembru 2013, irrettifikat fuq talba tal-BĊE permezz ta' digriet tal-14 ta' Frar 2014, il-President tar-Raba' Awla tal-Qorti Ġenerali ċaħad it-talba għal intervent ta' Nausicaa Anadyomène u kkundannaha għall-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk esposti mill-BĊE relatati mat-talba għal intervent.

44 Permezz ta' digriet tal-25 ta' Ġunju 2014, Accorinti *et* vs BĊE (T-224/12, EU:T:2014:611), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat minn xi wħud mir-rikorrenti kontra d-Deċiżjoni 2012/5 bħala inammissibbli.

45 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali.

46 It-trattazzjoni tal-partijiet u r-risposti tagħhom għad-domandi tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tal-25 ta' Frar 2015.

47 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors ammissibbli;

— tirrikonoxxi r-responsabbiltà tal-BĊE skont l-Artikolu 340 TFUE;

— tikkundanna lill-BĊE sabiex jikkumpensa għad-dannu li ġie kkawżat lilhom għal ammont ta' minn tal-inqas EUR 12504614.98, jiġifieri sa fejn indikat għal kull wieħed fosthom fil-punti 68 sa 72 tar-rikors, jew kull ammont ieħor meqjus ġust u ekwu, bla ħsara għal preċiżazzjoni fil-mori tal-kawża, inklużi l-interessi "legali u moratorji" fuq dawn l-ammonti;

— sussidjarjament, tikkundanna lill-BĊE sabiex jikkumpensa għad-dannu kkawżat lilhom għal ammont ta' minn tal-inqas EUR 3668020.39, jiġifieri sa fejn indikat għal kull wieħed fosthom fil-punti 74 sa 76 tar-rikors, jew kull ammont ieħor meqjus ġust u ekwu, bla ħsara għal preċiżazzjoni fil-mori tal-kawża, inklużi l-interessi "legali u moratorji" fuq dawn l-ammonti;

— b'mod iktar sussidjarju, tikkundanna lill-BĊE sabiex jikkumpensa għad-dannu kkawżat lilhom għal ammont ta' minn tal-inqas EUR 2667651.19, jiġifieri sa fejn indikat għal kull wieħed fosthom fil-punti 77 u 78 tar-rikors, jew kull ammont ieħor meqjus ġust u ekwu, bla ħsara għal preċiżazzjoni fil-mori tal-kawża, inklużi l-interessi "legali u moratorji" fuq dawn l-ammonti;

— b'mod ulterjorment iktar sussidjarju, tikkundanna lil-BĊE sabiex jikkumpensa għad-dannu li ġie kkawżat lilhom mill-aġir leċitu u mingħajr nuqqas għal ammont meqjus ġust u ekwu;

— tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

48 Il-BĊE jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli jew infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

## Id-dritt

### 1. *Fuq ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-BĊE minħabba att illeċitu*

#### *Fuq l-ammissibbiltà*

49 Il-BĊE tqis li r-rikors huwa inammissibbli, peress li, minn naħa, ir-rikors ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1991 u, min-naħa l-oħra, fil-mument tal-preżentata tiegħu, il-proċedura fil-Kawża T-224/12, li kienet biss tikkonċerna

wħud mir-rikorrenti f'din il-proċedura, kienet pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, dan ir-rikors għad-danni huwa allegatament intiż li jevita l-inammissibbiltà tat-talbiet għal annullament li għandhom bħala għan l-istess illegalitajiet u intiżi għall-istess finijiet pekunjarji.

50 Fid-dawl tar-rekwiżiti tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991, ir-rikors huwa inammissibbli fir-rigward kemm tal-illegalitajiet allegati kif ukoll id-dannu allegatament sostnut, inkluż il-kwantifikazzjoni tagħhom. Ir-rikors ma jippreċiżax b'mod suffiċjenti r-raġunijiet li għalihom il-PSI, bħala riżultat tal-Liġi Ellenika Nru 4050/2012, jista' jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-BĊE, peress li dan kellu rwol sempliċement konsultattiv f'dan il-kuntest u ma setax jikkawża, anki jekk indirettament, id-dannu allegat. Barra minn hekk, il-kwantifikazzjoni tal-imsemmi dannu fir-rikors ma huwiex appoġġjat minn provi suffiċjenti. Id-dikjarazzjonijiet bankarji annessi mar-rikors ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti, peress li dawn l-annessi ma fihomx riferimenti espressi u preċiżi għar-rikorrenti kkonċernati.

51 Skont il-BĊE, fir-rikors, l-allegat aġir illegali u r-rabta kawżali tiegħu mad-dannu allegat ma humiex appoġġjati minn elementi probatorji suffiċjenti. Insostenn tal-allegati "dikjarazzjonijiet rassikuranti" mir-rappreżentanti tal-BĊE, kulma għamlu r-rikorrenti fir-rikors kien li alludew b'mod ġenerali għal diversi artikoli tal-istampa u għal dokumenti oħra mehmuża fl-anness. L-istess japplika għall-ksur allegat tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' proporzjonalità kif ukoll għall-allegat użu ħażin ta' poter, inkluż il-mod li bih ir-rwol sempliċement konsultattiv tal-BĊE seta' wassal għal tali illegalitajiet. Fir-rikors, ir-rikorrenti lanqas ma jispjegaw il-mod li bih il-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012 u aġir ieħor adottat mill-BĊE setgħu jikkontribwixxu għall-ġenesi tad-dannu allegat li huwa imputabbli fl-intier tiegħu għall-implementazzjoni tal-Liġi Ellenika Nru 4050/2012. Barra minn hekk, fir-rikors ir-rikorrenti ma jidentifikaw ebda aġir speċifiku tal-BĊE li seta' jċaħħad lid-deputati tal-Parlament Grieg mill-indipendenza politika tagħhom u mis-setgħa ta' deċiżjoni sovrana tagħhom. Barra minn hekk, ir-rikorrenti allegatament naqsu milli juru l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn id-Deċiżjoni 2012/153, li ġiet fis-seħħ biss wara d-deċiżjoni tar-Repubblika Ellenika li tirrikorri għall-PSI, u d-dannu sostnut. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti baqgħu ma ppreżentawx, fir-rikors, l-elementi essenzjali li jiġġustifikaw il-kwantifikazzjoni tad-dannu allegatament sostnut, fosthom id-data li fiha u l-prezz li bih huma xtraw it-titoli ta' dejn Griegi affettwati, l-iskadenza inizjali tagħhom, il-karatteristiċi speċifiċi tal-kupuni tal-imsemmija titoli, ir-rati ta' tnaqqis applikati individwalment sabiex jitnaqqas l-ammont ta' ħlas tal-kupuni l-ġodda u, fl-aħħar nett, "l-evalwazzjoni, magħmula mill-investitur, tal-15 % tat-titoli tal-FESF b'maturità ta' sena u ta' sentejn, u tal-garanziji indiċizzati fil-PIB u mogħtija inkambju".

52 Ir-rikorrenti jikkontestaw l-argumenti tal-BĊE u jqisu li r-rikors tagħhom huwa ammissibbli.

53 Fir-rigward tal-argument prinċipali tal-BĊE, għandu jitfakkar li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-imsemmi Statut, u skont l-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991, kull rikors għandu jindika s-suġġett tal-kawża u l-espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati. Din l-informazzjoni għandha tkun ċara u preċiża biżżejjed sabiex tippermetti lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi fuq ir-rikors, skont il-każ, mingħajr ebda informazzjoni oħra sabiex issostniha. Sabiex jiġu ggarantiti ċ-ċertezza legali u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja jeħtieġ, sabiex rikors jitqies bħala ammissibbli, li l-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom dan ikun fondat joħorġu, tal-inqas fil-qosor, iżda b'mod koerenti u li jinftiehem, mit-test stess tar-rikors. B'mod iktar speċifiku, sabiex jissodisfa dawn ir-rekwiżiti, rikors għal kumpens għad-danni allegatament ikkawżati minn istituzzjoni tal-Unjoni għandu jkun fih l-elementi li jippermettu li jiġi identifikat l-aġir li r-rikorrent jallega fil-konfront tal-istituzzjoni, ir-raġunijiet li għalihom huwa jikkunsidra li teżisti rabta kawżali bejn l-aġir u d-dannu li huwa jallega li sostna, kif ukoll in-natura u l-portata ta' dan id-dannu (ara s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, Arcelor vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-16/04, Ġabra EU:T:2010:54, punt 132, u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 F'dan il-każ, il-BĊE ma jistax isostni li r-rikors ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti proċedurali, peress li t-test tiegħu jesponi b'mod suffiċjenti l-punti ta' fatt u ta' liġi li jippermettu li jiġi identifikat l-aġir li bih jinsab ikkritikat, ir-raġunijiet li għalihom ir-rikorrenti jqisu li teżisti rabta kawża bejn dan l-aġir u d-danni li huma jallegaw li sostnew kif ukoll in-natura u l-kobor ta' dawn id-danni. Fil-verità, l-argument tal-BĊE jammonta għal kontestazzjoni, taħt il-kopertura tal-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors fid-dawl tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991, il-fondatezza tat-talbiet għal kumpens, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżistenza ta' rabta kawżali u ta' dannu, li d-diversi elementi li jikkostitwixxuhom madankollu huma esposti b'mod suffiċjenti fir-rikors, b'titolu separat, intitolat "Responsabbiltà tal-BĊE taħt l-Artikoli 268 [TFUE] u 340 TFUE".

55 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jibbażaw ruħhom fuq diversi aġir illegali li huma jattribwixxu lill-BĊE, qabelxejn, imqassra fil-punt 32 tar-rikors u, sussegwentement, żviluppati b'mod iktar iddettaljat, jiġifieri, l-ewwel nett, fil-punti 33 sa 35 għal dak li jirrigwarda l-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, it-tieni nett, fil-punti 36 u 37 fir-rigward tal-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-kredituri, it-tielet nett, fil-punti 38 u 39 f'dak li jikkonċerna l-użu ħażin ta' poter u l-ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' koerenza u ta' razzjonalità, u, ir-raba' nett, fil-punti 40 u 41 fir-rigward tal-ksur tal-Artikoli 123 TFUE u 127 TFUE u tal-Artikolu 21 tal-Istatuti.

56 Fit-tieni lok, fil-punti 45 *et seq* tar-rikors, ir-rikorrenti jippreċiżaw in-natura u l-kobor tad-danni allegati li, fil-fehma tagħhom, jirriżultaw minn dawn l-aġir illegali, inkluża l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn dawn l-elementi. Għaldaqstant, fil-punt 48 tar-rikors hemm indikat li d-"dannu li jirriżulta mill-ksur [tal-prinċipju ta'] ugwaljanza fit-trattament [...] mill-BĊE [...] laqat b'mod sproporzjonat grupp ristrett u definit sew ta' nies li jġemmgħu/kredituri, li kellhom massimu ta' 6 % tad-dejn Grieg, filwaqt li l-BĊE u l-[banek ċentrali nazzjonali] kellhom 22 %". Fil-punti 49 sa 52 tar-rikors, ir-rikorrenti jattribwixxu t-telf ta' valur ta' 75 % tat-titoli ta' dejn Griegi tagħhom fil-kuntest tal-PSI, jew tal-inqas parti minnhom, għall-allegat ksur mill-BĊE, għad-detriment tagħhom, tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, b'mod partikolari, permezz tal-konklużjoni tal-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012 – dan jeskludi parteċipazzjoni tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali fir-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg – u permezz tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2012/153. Barra minn hekk, fil-punti 54 *et seq* tar-rikors, ir-rikorrenti jqajmu b'mod espress il-kwistjoni tar-rabta kawżali bejn id-dannu sostnut u l-aġir illegali li l-BĊE jinsab ikkritikat bih, billi jwettqu analiżi kontrofattwali li tieħu inkunsiderazzjoni kemm is-sitwazzjoni ipotetika fl-assenza tal-imsemmi aġir kif ukoll tal-kwistjoni ta' jekk il-Liġi Ellenika Nru 4050/2012 setgħetx tikser din ir-rabta kawżali, li huwa l-punt li r-rikorrenti jikkontestaw. F'dan ir-rigward huwa ppreċiżat, b'mod partikolari, fil-punt 56 tar-rikors, li, "[k]ieku l-BĊE u l-[banek ċentrali nazzjonali] ma kinux iddeċidew b'mod unilaterali, b'mod diskriminatorju u illegalment, li jżommu ruħhom barra mir-ristrutturazzjoni tad-dejn [pubbliku] Grieg, id-dannu kkawżat lis-sitwazzjoni patrimonjali tal-investituri ma kienx iseħħ jew tal-inqas kien ikun iżgħar u inqas qawwi, għaliex it-tqassim tat-telf u t-tnaqqis ta' valur tal-bonds Griegi neċessarjament kienet titnaqqas b'mod proporzjonali mad-djun miżmuma fil-portafoll mill-BĊE u l-[banek ċentrali nazzjonali], li madankollu ġew [skambjati] minn qabel [...]".

57 Fit-tielet lok, fil-punti 68 *et seq* tar-rikors, ir-rikorrenti jiddeskrivu l-portata tad-danni li huma allegatament sostnew billi tawhom ċifra b'kod konkret. F'dan ir-rigward, l-argument tal-BĊE li kwantifikazzjoni korretta tal-imsemmija danni tppreżupponiet li tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali ma jistax jinvalida din il-konklużjoni, peress li tali kwantifikazzjoni – u inqas u inqas in-natura "korretta" tagħha bħala kwistjoni ta' mertu – ma tinsabx fost ir-rekwiżiti proċedurali indispensabbli jew ta' ammissibbiltà ta' rikors għad-danni (ara s-sentenza tas-16 ta' Settembru 2013, ATC *et* vs Il-Kummissjoni, T-333/10, Ġabra, EU:T:2013:451, punti 198 sa 201 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Minn dan jirriżulta li l-iżviluppi fir-rikors stess huma ċari u preċiżi biżżejjed sabiex jippermettu lill-BĊE jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar ir-rikors, u dan huwa kkonfermat mill-kontenut stess tar-risposta, b'mod partikolari, f'dak li jikkonċerna l-assenza

tal-fondatezza tar-rikors għad-dannu. Minn dan għandu jiġi konkluż li t-test tar-rikors jesponi, b'mod suffiċjenti, koerenti u li jinftiehem, il-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom huwa bbażat dan ir-rikors sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991.

59 Il-BĊE lanqas ma għandu bażi sabiex jinvoka, b'mod sussidjarju, l-inammissibbiltà tar-rikors għad-danni minħabba *lis alibi pendens*, sa fejn dan huwa bbażat fuq l-illegalità tad-Deċiżjoni 2012/153, ikkontestata minn uħud mir-rikorrenti fil-kuntest tal-Kawża T-224/12, jew talli ppreżentaw l-imsemmi rikors biss bl-għan li jiġu evitati l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tar-rikors għal annullament.

60 Qabel xejn, hija irrilevanti l-ġurisprudenza li tikkonċerna l-kontestazzjoni tar-rifjut ta' għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja (digriet tas-26 ta' Ottubru 1995, Pevasa u Inpesca vs Il-Kummissjoni, C-199/94 P u C-200/94 P, Ġabra, EU:C:1995:360, punt 27, u sentenza tas-7 ta' Frar 2001, Inpesca vs Il-Kummissjoni, T-186/98, Ġabra, EU:T:2001:42, punti 76 u 77) li l-BĊE jinvoka insostenn tal-argument tiegħu. B'differenza mis-sitwazzjoni li wasslet għall-imsemmija ġurisprudenza, f'dan il-każ ir-rikorrenti ma humiex ifittxu li, permezz tar-rikors għad-danni tagħhom, jiksbu riżultat paragunabbli ma' dak imfittex permezz tar-rikors għal annullament tagħhom fil-Kawża T-224/12. Dan ir-rikors kien intiż biss għall-annullament tad-Deċiżjoni 2012/153 mingħajr madankollu ma kellu għan pekunjarju. Barra minn hekk, billi l-imsemmi rikors għal annullament ġie ppreżentat fit-terminu previst mis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, evitar, fis-sens ta' din il-ġurisprudenza, tal-imsemmi terminu permezz ta' rikors għad-danni kien eskluż mill-bidu nett. Fil-fatt, huwa biss b'mod eċċezzjonali u sabiex jiġi ggarantit li dan it-terminu ma jiġix evitat, li l-ġurisprudenza ddikjarat talba għad-danni inammissibbli, jiġifieri meta hija ġiet ippreżentata flimkien ma' talba għall-annullament, minħabba li t-talba għad-danni fil-verità kienet intiża għall-irtirar ta' deċiżjoni individwali ddestinata għar-rikorrent u saret definittiva u minħabba li hi kien ikollha bħala effett, li kieku din intlaqgħet, li xxejjen l-effetti legali ta' dik id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 2002, Astipesca vs Il-Kummissjoni, T-180/00, Ġabra, EU:T:2002:249, punt 139, u tat-3 ta' April 2003, Vieira *et* vs Il-Kummissjoni, T-44/01, T-119/01 u T-126/01, Ġabra, EU:T:2003:98, punt 213).

61 Sussegwentement, għandu jiġi enfasizzat li r-rikors għad-danni huwa rimedju ġudizzjarju awtonomu, li għandu l-funzjoni partikolari tiegħu fil-kuntest tas-sistema tar-rimedji ġudizzjarji u huwa suġġett għal kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tiegħu maħluqa minħabba l-għan speċifiku tiegħu. Filwaqt li r-rikors għal annullament u r-rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni għandhom l-għan li tiġi ssanzjonata l-illegalità ta' att ġuridikament vinkolanti jew l-assenza ta' tali att, ir-rikors għad-danni għandu bħala għan it-talba għal kumpens ta' dannu li jirriżulta minn att jew minn aġir illeċitu imputabbli lil istituzzjoni jew lil korp tal-Unjoni (ara s-sentenza tat-23 ta' Marzu 2004, Ombudsman Ewropew vs Lamberts, C-234/02 P, Ġabra, EU:C:2004:174, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenzi tas-27 ta' Novembru 2007, Pitsiorlas vs Il-Kunsill u BĊE, Ġabra, EU:T:2007:357, punt 283, u tat-3 ta' Marzu 2010, Artegodan vs Il-Kummissjoni, T-429/05, Ġabra, EU:T:2010:60, punt 50). Minn naħa, din l-awtonomija tar-rikors għad-danni ma tistax tiġi kkontestata mis-sempliċi fatt li rikorrent jiddeċiedi li jippreżenta rikors għal annullament u rikors għad-dannu b'mod suċċessiv. Min-naħa l-oħra, l-inammissibbiltà ta' rikors għal annullament ma twassalx għal dik ta' rikors għad-danni ppreżentat iktar tard għas-sempliċi raġuni li dawn ir-rikorsi huma bbażati fuq motivi ta' illegalità simili, u saħansitra identiċi. Fil-fatt, tali interpretazzjoni tkun tmur kontra l-prinċipju stess ta' awtonomija tar-rimedji ġudizzjarji u, għaldaqstant, iċċaħħad lill-Artikolu 268 TFUE, moqri flimkien mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, mill-effettività tiegħu.

62 Fl-aħħar nett, sa fejn il-BĊE għandu l-intenzjoni li madankollu jinvoka probabbiltà ta' evitar ta' proċedura jew ta' użu ħażin minn rimedju ġudizzjarju, huwa biżżejjed, minn naħa, li titfakkar in-natura eċċezzjonali tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 60 iktar 'il fuq, li, għaldaqstant, applikata b'mod strett [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2004, Cantina sociale di Dolianova *et* vs Il-Kummissjoni, T-166/98, Ġabra, EU:T:2004:337, punt 122 u l-ġurisprudenza ċċitata, mhux invalidata fuq dan il-punt mis-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs Cantina sociale di

Dolianova *et*, C-51/05 P, Ġabra, EU:C:2008:409, punt 63; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' April 2007, Holcim (Deutschland) vs Il-Kummissjoni, C-282/05 P, Ġabra, EU:C:2007:226, punt 32], u, min-naħa l-oħra, li jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, permezz tar-rikors għad-danni tagħhom, ir-rikorrenti ma humiex ifittxu li jitneħħew l-atti kontenzjużi, iżda li jinkiseb kumpens għad-dannu li allegatament irriżulta mill-adozzjoni tagħhom jew mill-implementazzjoni tagħhom.

63 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-BĊE għandha tiġi miċħuda.

*Fuq il-mertu*

Fuq il-kundizzjonijiet ta' skattar mill-BĊE tar-responsabbiltà tal-Unjoni skont l-Artikoli 268 TFUE u 340 TFUE

64 Għandu jitfakkar li, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, il-BĊE għandu jagħmel tajjeb, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, għad-danni kkawżati minnu jew mill-aġenti tiegħu fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.

65 Minn ġurisprudenza stabbilita, applikabbli *mutatis mutandis* għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-BĊE prevista fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE jirriżulta li l-iskattar tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, għal aġir illeċitu tal-istituzzjonijiet tagħha jew tal-korpi tagħha, huwa suġġett għas-soddisfar ta' numru ta' kundizzjonijiet ta' natura kumulattiva, jiġifieri l-illegalità tal-aġir li bih tkun tinsab ikkritikata l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegat u d-dannu invokat (ara s-sentenzi tad-9 ta' Novembru 2006, Agraz *et* vs Il-Kummissjoni, C-243/05 P, Ġabra, EU:C:2006:708, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata, u Arcelor vs Il-Parlament u Il-Kunsill, punt 53 iktar 'il fuq, EU:T:2010:54, punt 139 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 Minħabba n-natura kumulattiva ta' dawn il-kundizzjonijiet, ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu meta waħda biss minn dawn il-kundizzjonijiet ma tiġix issodisfatta (ara s-sentenza Arcelor vs Il-Parlament u Il-Kunsill, punt 53 iktar 'il fuq, EU:T:2010:54, punt 140, u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, dwar l-aġir illegali li bih tkun ikkritikata l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat, il-ġurisprudenza teħtieġ li jiġi stabbilit ksur suffiċjentement serju ta' liġi intiża li tagħti drittijiet lill-individwi (sentenza tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni, C-352/98 P, Ġabra p. I-5291, punt 42). Il-kriterju deċiżiv sabiex ikun jista' jitqies li ksur huwa suffiċjentement serju huwa n-nuqqas manifest u serju, min-naħa tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernat, li josserva l-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu. Huwa biss meta dik l-istituzzjoni jew dak il-korp ikollu biss marġni ta' diskrezzjoni kunsiderevolment ristrett, jew saħansitra ineżistenti, li s-sempliċi ksur tad-dritt tal-Unjoni jista' jkun biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju (sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Camar u Tico, C-312/00 P, Ġabra, EU:C:2002:736, punt 54 ; Arcelor vs Il-Parlament u Il-Kunsill, punt 53 iktar 'il fuq, EU:T:2010:54, punt 141, u ATC *et* vs Il-Kummissjoni, punt 57 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 62).

68 F'dan ir-rigward għandu jiġi ppreċiżat li l-aġir ikkontestat tal-BĊE seħħ fil-kuntest tal-missjonijiet fdati lilu għall-finijiet tad-definizzjoni u tal-implementazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni, skont l-Artikoli 127 TFUE u 282 TFUE u skont l-Artikolu 18 tal-Istatuti, b'mod partikolari permezz tal-intervent tiegħu fis-swieq tal-kapital u permezz tal-ġestjoni tiegħu ta' operazzjonijiet ta' kreditu. Dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu lill-BĊE setgħa diskrezzjonali wiesgħa, li l-eżerċizzju tagħha jinvolvi evalwazzjonijiet kumplessi ta' tip ekonomiku u soċjali kif ukoll ta' sitwazzjonijiet suġġetti għal żviluppi rapidi, li għandhom isiru fil-kuntest tal-Eurosistema, u saħansitra fil-kuntest tal-Unjoni kollha kemm hi. Għaldaqstant, ksur eventwali suffiċjentement serju tar-regoli ta' dritt inkwistjoni għandu jibbaża ruħu fuq nuqqas ta' osservanza manifest u serju tal-limiti tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li l-BĊE

għandu fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu fil-qasam tal-politika monetarja. Dan huwa iktar u iktar minnu minħabba l-fatt li l-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali tinvolvi n-neċessità għall-BĊE, minn naħa, li jantiċipa u li jevalwa żviluppi ekonomiċi ta' natura kumplessa u inċerta, bħall-iżvilupp tas-swieq tal-kapital, tal-massa monetarja u tar-rata ta' inflazzjoni, li jaffettwaw il-funzjonament tajjeb tal-Eurosistema u tas-sistemi ta' ħlas u ta' kreditu, u, min-naħa l-oħra, li jwettaq għażliet ta' tip politiku, ekonomiku u soċjali li jeħtieġu l-ibbilanċjar u l-arbitraġġ bejn id-diversi għanijiet imsemmija fl-Artikolu 127(1) TFUE, li l-għan prinċipali tagħhom huwa ż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-Kawża Gauweiler *et*, C-62/14, Ġabra, EU:C:2015:7, punt 111 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi Arcelor vs Il-Parlament u Il-Kunsill, punt 53 iktar 'il fuq, EU:T:2010:54, punt 143 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-16 ta' Diċembru 2011, Enviro Tech Europe u Enviro Tech International vs Il-Kummissjoni, T-291/04, Ġabra, EU:T:2011:760, punt 125 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-attività normattiva tal-istituzzjonijiet, inkluża l-adozzjoni, mill-BĊE, ta' atti ta' portata ġenerali, bħad-Deċiżjoni 2012/153, ġie deċiż li l-idea restrittiva tar-responsabbiltà tal-Unjoni minħabba l-eżerċizzju tal-imsemmija attivitajiet normattivi tispjega ruħha mill-kunsiderazzjoni li, minn naħa, l-eżerċizzju tal-funzjoni leġiżlattiva, anki fejn ikun jeżisti stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità ta' dawn l-atti, ma għandux jixxekkel mill-perspettiva ta' azzjonijiet għad-danni kull darba li l-interess ġenerali tal-Unjoni jitlob li jittieħdu miżuri normattivi li jistgħu jikkawżaw preġudizzju lill-interessi tal-individwi u, min-naħa oħra, f'kuntest normattiv ikkaratterizzat mill-eżistenza ta' setgħa diskrezzjonali wiesgħa, indispensabbli għall-implementazzjoni ta' politika tal-Unjoni, ir-responsabbiltà tal-Unjoni tista' tiskatta biss jekk l-istituzzjoni kkonċernata tkun naqset milli tosserva b'mod manifest u serju l-limiti imposti fuq l-eżerċizzju tas-setgħat tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-120/06 P u C-121/06 P, Ġabra, EU:C:2008:476, punt 174).

70 Huwa meħtieġ li tiġi evalwata l-fondatezza tal-motivi ta' illegalità invokati mir-rikorrenti fid-dawl ta' dawn il-kriterji.

Fuq l-aġir allegatament illegali tal-BĊE

– Osservazzjonijiet preliminari

71 Skont ir-rikorrenti, il-BĊE wettaq diversi illegalitajiet li jistgħu jiskattaw ir-responsabbiltà tal-Unjoni, jiġifieri, l-ewwel nett, il-konklużjoni tal-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012 mar-Repubblika Ellenika, li r-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti Ġenerali sabiex tordna lill-BĊE sabiex jipproduċieh, it-tieni nett, ir-rifjut tal-BĊE li jipparteċipa fir-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg, li ġiet imposta fuq ir-Repubblika Ellenika sabiex tikseb għajnuniet finanzjarji ġodda u, it-tielet nett, l-adozzjoni, mill-BĊE, tad-Deċiżjoni 2012/153 li tissuġġetta l-eliġibbiltà ta' titoli ta' dejn Griegi bħala garanziji għal programm ta' xiri mill-ġdid mogħti biss lill-banek ċentrali nazzjonali, filwaqt li dawn it-titoli ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' kwalità tal-kreditu.

72 Il-BĊE jikkontesta li kiser regola ta' dritt li għandha bħala għan dak li jagħti drittijiet lill-individwi. Ir-regoli allegatament miksura jirrigwardaw il-pożizzjoni tad-debitur tar-Repubblika Ellenika, billi kulma għamel il-BĊE kien li esprima l-perspettiva tiegħu dwar l-opportunità jew fuq l-assenza ta' opportunità tal-PSI u kellu biss rwol konsultattiv fi ħdan it-"trojka". Il-BĊE jippreċiża li ma għandu ebda rapport legali jew finanzjarju mar-rikorrenti. Dan la huwa debitur u lanqas emittur tat-titoli ta' dejn miżmuma mir-rikorrenti, iżda huwa stess huwa kreditur tar-Repubblika Ellenika. Barra minn hekk, dan ma aġixxiex "direttament kontra r-rikorrenti", iżda billi ħa r-responsabbiltajiet li t-Trattat FUE, b'mod partikolari l-Artikolu 127 tiegħu, attribwixxa lilu fil-ġestjoni tal-kriżi tad-dejn pubbliku Grieg. Għaldaqstant, ir-regoli invokati mir-rikorrenti ma japplikawx għar-rwol li huwa kellu fil-kuntest tal-PSI u ma jagħtuhomx drittijiet li jipproteġuhom.

– Fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

73 Fil-kuntest tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-aġir imsemmi fil-punt 71 iktar 'il fuq jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tad-detenturi ta' titoli ta' dejn Griegi, għaliex huma kuntrarji għall-assigurazzjonijiet mogħtija mill-Presidenti suċċessivi tal-BĊE, J. –C. Trichet u M. Draghi, kif ukoll minn membri tad-direzzjoni tiegħu. Skont dawn id-dikjarazzjonijiet, l-ewwel nett, it-titoli ta' dejn Griegi miżmuma mill-BĊE ma humiex is-suġġett ta' skambju "volontarju", it-tieni nett, ma eżista ebda riskju ta' nuqqas ta' ħlas lir-Repubblika Ellenika, it-tielet nett, ma hijiex possibbli ristrutturazzjoni furzata tad-dejn pubbliku Grieg, ir-raba' nett, il-parteċipazzjoni tal-kredituri privati f'tali ristrutturazzjoni hija prevedibbli biss fuq bażi volontarja, il-ħames nett, tnaqqis tal-valur nominali tal-imsemmija titoli huwa impossibbli, u, is-sitt nett, kieku tali sitwazzjoni kellha madankollu sseħħ, it-titoli ta' dejn Griegi qatt ma jiġu aċċettati bħala garanziji. Skont ir-rikorrenti, dawn l-assigurazzjonijiet preċiżi, mhux kundizzjonali u konkordanti li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli kienu ta' natura li joħolqu aspettattivi fondati f'moħħ il-partijiet fil-kawża, li ġew imfixkla mill-aġir illegali sussegwenti tal-BĊE, fosthom il-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012. Fir-replika, ir-rikorrenti jippreċiżaw li l-konklużjoni, mill-BĊE, ta' ftehim ta' skambju sigriet u diskriminatorju, f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess minħabba l-istatus tiegħu ta' kreditur tar-Repubblika Ellenika, sabiex jevita r-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg u sabiex jikseb il-grad ta' kreditur privileġġjat imur kontra l-Artikolu 5 TUE u l-prinċipju ta' ċertezza legali. Fil-kuntest ta' din ir-ristrutturazzjoni, ir-rwol tal-BĊE ma kienx limitat għal attività purament konsultattiva, peress li huwa pparteċipa fiha bħala membru u bħala attur prinċipali tat-"trojka" b'setgħat deċiżjonali u ta' ffirmar proprji.

74 Il-BĊE essenzjalment jirrispondi li, għall-kuntrarju, l-istqarrijiet għall-istampa tiegħu u d-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-aġenti tiegħu enfasizzaw u avżaw b'mod ċar li, minn naħa, il-PSI ma kienx jaqa' taħt il-kompetenzi tal-BĊE u li d-deċiżjonijiet li jikkonċernawh ittieħdu mill-gvernijiet sovrani u, min-naħa l-oħra, il-kriżi tad-dejn sovrana fl-Ewropa kellha riskji sinjifikattivi potenzjali marbuta ma' xi investimenti fit-titoli ta' dejn Griegi. Pubblikazzjoni tal-BĊE tas-6 ta' Ġunju 2011 affrontat b'mod espress il-kwistjoni tal-konsegwenzi ta' PSI u wissiet kontra l-inkonvenjenzi li jistgħu jirriżultaw minn implementazzjoni "imprudenti u awtomatika" ta' dan l-istrument. Għaldaqstant, id-dokumenti rilevanti juru li l-BĊE ma kellux rwol determinanti jew deċiżjonali fil-kuntest tal-adozzjoni tal-PSI u li ebda waħda mill-perspettivi espressi minnu fil-limiti tal-mandat tiegħu ma seta' jinftiehem mir-rikorrenti bħala garanzija li tali PSI ma kienx se jiġi adottat. Kull qarrej prudenti u avżat tal-imsemmija dokument kellu jkun jaf li PSI kien jikkostitwixxi waħda mill-għażliet possibbli u li l-adozzjoni tiegħu kienet taqa' esklużivament taħt ir-responsabbiltà legali u politika tar-Repubblika Ellenika. Fl-assenza ta' dikjarazzjonijiet li jeskludu, mingħajr ekwivoċi, il-possibbiltà ta' PSI, ma eżistiet ebda garanzija preċiża, inkundizzjonali u konkordanti f'dan is-sens min-naħa tal-BĊE.

75 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li d-dritt li wieħed jinvoka l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi japplika għal kull parti f'kawża li fil-konfront tagħha istituzzjoni tal-Unjoni tkun ħolqot aspettattivi leġittimi. Id-dritt li dan il-prinċipju jiġi invokat madankollu jippreżupponi li jkunu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi. Fl-ewwel lok, l-amministrazzjoni tal-Unjoni għandha tkun tat lill-persuna kkonċernata assigurazzjonijiet preċiżi, bla kundizzjonijiet u konsistenti, li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli. Fit-tieni lok, dawn l-assigurazzjonijiet għandhom ikunu tali li jnisslu aspettattiva leġittima fil-persuna indirizzata. It-tielet nett, il-garanziji mogħtija għandhom ikunu konformi man-normi applikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna, C-221/09, Ġabra, EU:C:2011:153, punti 71 u 72; tal-14 ta' Marzu 2013, Agrargenossenschaft Neuzelle, C-545/11, Ġabra, EU:C:2013:169, punti 23 sa 25 u l-ġurisprudenza ċċitata; tat-18 ta' Ġunju 2010, Il-Lussemburgu vs Il-Kummissjoni, T-549/08, Ġabra, EU:T:2010:244, punt 71, u tas-27 ta' Settembru 2012, Applied Microengineering vs Il-Kummissjoni, T-387/09, Ġabra, EU:T:2012:501, punti 57 u 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 Barra minn hekk għandu jitfakkar li, għalkemm il-possibbiltà li tiġi invokata l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, bħala prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, hija miftuħa għal kull operatur ekonomiku li fih ikunu nħolqu aspettattivi fondati minn istituzzjoni, xorta waħda jibqa' l-fatt

li, meta operatur ekonomiku prudenti u avżat ikun jista' jipprevedi l-adozzjoni ta' miżura tal-Unjoni li tista' taffettwalu l-interessi tiegħu, huwa ma jistax jinvoka l-benefiċċju ta' tali prinċipju meta din il-miżura tiġi adottata. Minbarra dan, l-operaturi ekonomiċi ma jistgħux jibbażaw l-aspettattivi leġittimi tagħhom fuq iż-żamma ta' sitwazzjoni eżistenti li tista' tiġi emendata fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u dan speċjalment f'qasam bħal dak tal-politika monetarja, li l-għan tiegħu jitlob aġġustament kostanti skont il-varjazzjonijiet tas-sitwazzjoni ekonomika (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tal-10 ta' Settembru 2009, Plantanol, C-201/08, Ġabra, EU:C:2009:539, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata; AJD Tuna, punt 75 iktar 'il fuq, EU:C:2011:153, punt 73; Agrargenossenschaft Neuzelle, punt 75 iktar 'il fuq, EU:C:2013:169, punt 26, u tad-19 ta' Ottubru 2005, Cofradía de pescadores "San Pedro de Bermeo" *et* vs Il-Kunsill, T-415/03, Ġabra, EU:T:2005:365, punt 78).

77 Għaldaqstant, għandu jiġi evalwat jekk l-istqarrijiet għall-istampa u d-dikjarazzjonijiet pubbliċi ta' xi membri tal-BĊE kinux jikkostitwixxu assigurazzjonijiet preċiżi, mingħajr kundizzjoni u konkordanti li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli li setgħu joħolqu aspettattivi leġittimi fir-rikorrenti li l-valur tat-titoli ta' dejn Griegi tagħhom ma kienx se jiġi suġġett għal tnaqqis obbligatorju.

78 F'dan ir-rigward għandu jiġi ppreċiżat li l-istqarrijiet għall-istampa u d-dikjarazzjonijiet pubbliċi prodotti mir-rikorrenti għandhom suġġetti u kontenuti varjati. Minn naħa, essenzjalment, dawn huma dikjarazzjonijiet magħmula bejn April u Ġunju 2011 mill-President tal-BĊE ta' dak iż-żmien, J.-C. Trichet, u minn M. Draghi, is-suċċessur maħtur tiegħu, li esprimew, b'mod partikolari, l-oppożizzjoni ddikjarata u mtennija tal-BĊE għal ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg u għal nuqqas selettiv tar-Repubblika Ellenika. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jinvokaw dikjarazzjoni pubblika ta' L. Bini Smaghi, membru tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, tas-16 ta' Ġunju 2011, u diskors magħmul minnu, fil-15 ta' Settembru 2010, dwar it-"titjib tal-qafas ta' governanza ekonomika u ta' stabbiltà tal-Unjoni, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro".

79 Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' M. Draghi u ta' J.-C. Trichet, għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl, l-ewwel nett, tan-natura ġenerali tagħhom, it-tieni nett, tal-assenza ta' kompetenza tal-BĊE – korrettement enfasizzata fl-imsemmija deċiżjonijiet – sabiex issir deċiżjoni ta' ristrutturazzjoni possibbli tad-dejn pubbliku ta' Stat Membru milqut minn nuqqas ta' ħlas selettiv, u, it-tielet nett, tal-inċertezza li kien hemm fis-swieq finanzjarji f'dak iż-żmien, li iktar minn xejn tikkonċerna l-iżvilupp futur tas-sitwazzjoni finanzjarja tar-Repubblika Ellenika, dawn id-dikjarazzjonijiet ma setgħux jiġu kklassifikati bħala assigurazzjonijiet preċiżi u mingħajr kundizzjoni li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli, u dan inqas u inqas fir-rigward tan-nuqqas ta' adozzjoni eventwali, minn dan l-Istat Membru, ta' deċiżjoni dwar tali ristrutturazzjoni. Fil-fatt, minkejja li l-BĊE kien assoċjat mal-monitoraġġ tal-iżvilupp tas-sitwazzjoni finanzjarja tar-Repubblika Ellenika fil-kuntest tat-"trojka", iffurmata minnu, mill-FMI u mill-Kummissjoni, huwa ma kellux il-kompetenza li jiddeċiedi dwar tali miżura, liema kompetenza taqa', b'mod prinċipali jekk mhux esklużiv, taħt is-setgħa sovrana u l-awtorità baġitarja tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari s-setgħa leġiżlattiva tiegħu, u, sa ċertu punt, il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika mill-Istati Membri skont l-Artikoli 120 TFUE *et seq*. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-oppożizzjoni għal tali ristrutturazzjoni, kif espressa ripetutament fil-pubbliku minn J.-C. Trichet u minn M. Draghi fi klima ta' inċertezza dejjem tikber fl-atturi tas-swieq finanzjarji, kellha tiġi interpretata bħala li għandha portata purament politiko-ekonomika. B'mod partikolari, billi aġixxew b'dan il-mod, l-awturi tagħhom kellhom l-intenzjoni li jwissu lill-imsemmija atturi kontra, minn naħa, deterjorazzjoni addizzjonali tas-sitwazzjoni ekonomika f'dak iż-żmien, u saħansitra insolvenza possibbli tar-Repubblika Ellenika, li t-titoli tagħha potenzjalment f'nuqqas ma setgħux jibqgħu jiġu aċċettati mill-BĊE u mill-banek ċentrali nazzjonali bħala garanziji fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema (ara d-Deċiżjoni 2012/133, adottata sussegwentement) u, min-naħa l-oħra, ir-riskji li tali żvilupp jista' jikkawża għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u għall-funzjonament tal-Eurosistema fl-intier tagħha. Għandu jiżdied li din l-oppożizzjoni tal-presidenti suċċessivi tal-BĊE kienet tinkludi l-preċiżazzjoni li tgħid li, fil-każ fejn tali nuqqas kellu madankollu jseħħ u l-Istati Membri kellhom jiddeċiedu għal ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku, il-BĊE jeżiġi li din ir-ristrutturazzjoni tkun ibbażata fuq garanziji suffiċjenti sabiex jipproteġi l-integrità

tiegħu u sabiex iżomm l-istabbiltà u l-fiduċja tas-swieq finanzjarji. Minn dan jirriżulta li, billi għamel dan, il-BĊE lanqas ma ħoloq aspettattivi leġittimi fir-rigward taż-żamma tal-oppożizzjoni tiegħu fil-każ ta' deċiżjoni kuntrarja tal-Istati Membri kkonċernati li jwettqu tali ristrutturazzjoni u saħansitra fir-rigward tal-kapaċita ġuridika eventwali tiegħu – ineżistenti – sabiex jippreveni tali approċċ.

80 Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' L. Bini Smaghi, għandu jiġi enfasizzat li kulma għamel dan kien li indika b'mod pubbliku li, minn naħa, il-BĊE ma setax jipparteċipa f'"estensjoni tal-maturità tad-dejn Grieg", għaliex dan ikun imur kontra d-dispożizzjonijiet applikabbli għalih u, min-naħa l-oħra, ristrutturazzjoni eventwali tad-dejn pubbliku ta' Stat Membru, jekk jirriżulta li tkun neċessarja, tkun possibbli biss abbażi ta' ftehim bejn kredituri u debituri. F'dan il-kuntest, huwa semma b'mod espress il-possibbiltà għall-Istati Membri taż-żona tal-euro li jadottaw KAK li jrendu iktar faċli għall-kredituri u d-debituri li jilħqu ftehim fuq tqassim ġust tal-piżijiet. Kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, dawn l-affermazzjonijiet ma jeskludux l-okkorrenza possibbli jew id-deċiżjoni possibbli ta' ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg jew ta' nuqqas min-naħa tar-Repubblika Ellenika, iżda jiddeskrivu biss il-marġni ta' manuvra ristretta tal-BĊE f'tali kuntest kif ukoll il-kundizzjonijiet li fihom, tali ristrutturazzjoni tista' jew għandha tiġi implementata. Barra minn hekk, minn dan ma tistax tiġi dedotta xi assigurazzjoni preċiża u mingħajr kundizzjoni intiża sabiex il-BĊE fl-aħħar nett jopponi għal tali ristrutturazzjoni jekk din kellha tiġi deċiża mill-Istati Membri jew mill-korpi kompetenti jew sabiex ma jipparteċipax, jekk ikun il-każ u taħt kwalunkwe forma li dan ikun, għal tali miżura.

81 Konsegwentement, f'dan il-każ, id-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-membri tal-BĊE invokati mir-rikorrenti ma jikkostitwixxux assigurazzjonijiet preċiżi, mingħajr kundizzjonijiet u konkordanti intiża li jeskludu ristrutturazzjoni possibbli tad-dejn pubbliku Grieg u ma joriġinawx minn sorsi awtorizzati u affidabbli fis-sens tal-ġurisprudenza, b'mod li l-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi għandu jiġi miċħud.

82 Għal finijiet ta' kompletezza madankollu għandu jiġi ppreċiżat li, hekk kif sostna l-BĊE, ix-xiri, minn investitur, ta' titoli ta' dejn tal-Istat jikkostitwixxi, mid-definizzjoni tiegħu stess, tranżazzjoni li fiha ċertu riskju finanzjarju, għaliex hija suġġetta għar-riskji tal-evoluzzjoni tas-swieq tal-kapital, u li wħud mir-rikorrenti saħansitra akkwistaw titoli ta' dejn Griegi matul il-perijodu fejn il-kriżi finanzjarja tar-Repubblika Ellenika kienet fl-iktar punt għoli tagħha. Issa, fir-rigward tas-sitwazzjoni ekonomika tar-Repubblika Ellenika u tal-inċertezzi li kienu jikkonċernawha dak iż-żmien, l-investituri kkonċernati ma jistgħux jallegaw li aġixxew bħala operaturi ekonomiċi prudenti u avżati, fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 76 iktar 'il fuq, li jistgħu jinvokaw l-eżistenza ta' preġudizzji leġittimi. Għall-kuntrarju, fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet pubbliċi invokati mir-rikorrenti insostenn tal-ilmenti tagħhom (ara l-punt 78 iktar 'il fuq), l-imsemmija investituri kienu mistennija jkunu jafu s-sitwazzjoni ekonomika daqstant instabbli li tiddetermina l-bdil tal-valur tat-titoli ta' dejn Griegi akkwistati minnhom kif ukoll ir-riskju mhux negliġibbli ta' nuqqas, anki jekk sempliċement selettiv, tar-Repubblika Ellenika. Barra minn hekk, hekk kif isostni ġustament il-BĊE, operatur ekonomiku prudent u avżat li kien jaf b'dawn id-dikjarazzjonijiet pubbliċi ma setax jeskludi r-riskju ta' ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg, b'teħid inkunsiderazzjoni tad-diverġenzi ta' opinjoni prevalenti f'dan ir-rigward fi ħdan l-Istati Membri taż-żona tal-euro u fi ħdan il-korpi l-oħra involuti, bħall-Kummissjoni, il-FMI u l-BĊE.

83 Fl-aħħar nett, sa fejn ir-rikorrenti jinvokaw ukoll, f'dan il-kuntest, ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li huma ma ressqu ebda argument addizzjonali u konkret li jindika li l-aġir tal-BĊE fil-kuntest tal-fatti li seħħew qabel ir-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg ikkontribwixxew għall-adozzjoni ta' regolamentazzjoni li ma kinitx biżżejjed ċara, preċiża u prevedibbli fl-effetti tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2005, VEMW *et*, C-17/03, Ġabra, EU:C:2005:362, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata), u lanqas ma ppermettiet lill-partijiet fil-kawża jsiru jafu b'mod suffiċjenti l-portata tal-obbligi li din timponi fuqhom (ara, f'dan is-sens u b'analoġija,

is-sentenza tad-29 ta' April 2004, Sudholz, C-17/01, Ġabra, EU:C:2004:242, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, dan l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali lanqas ma jista' jintlaqa'.

84 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma wrewx l-eżistenza ta' ksur, mill-BĊE tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, u lanqas, f'dan il-kuntest, tal-prinċipju ta' ċertezza legali, li jistgħu jiskattaw ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tiegħu.

– Fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-"kredituri privati" u tal-klawżola *pari passu*

85 Fil-kuntest tat-tieni motiv, ir-rikorrenti jinvokaw ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-kredituri privati fis-sens, b'mod partikolari, tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, billi l-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali kienu żguraw, permezz tal-implementazzjoni tal-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012, li t-titoli ta' dejn Griegi miżmuma fil-portafolli rispettivi tagħhom jaqgħu 'il barra mill-iskop tar-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg skont il-KAK u huma immuni minn tnaqqis tal-valur tagħhom. Billi adotta l-aġir imsemmi fil-punt 71 iktar 'il fuq, mingħajr ma ħa inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni patrimonjali tal-kredituri privati u ta' min ifaddal, fosthom ir-rikorrenti, il-BĊE kiser dan il-prinċipju. Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-kredituri kollha jew ta' kull min faddal huwa wkoll previst fuq il-livell internazzjonali bħala prinċipju konswetudinarju u għandu jiġi kklassifikat bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni jew ta' manifestazzjoni diretta u speċjali tal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni skont l-Artikolu 10 TFUE u l-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-klawżola msejħa *par condicio creditorum* jew *pari passu*, li tippreżupponi li l-kredituri jiġu ttrattati b'mod ugwali fil-ħlas, indipendentement mill-grad tagħhom, għaldaqstant tapplika wkoll għall-BĊE. Għalhekk, fl-istqarrija għall-istampa tiegħu tas-6 ta' Settembru 2012 dwar it-tnedija tal-programm tal-operazzjonijiet monetarji definittivi (iktar 'il quddiem l-"OMT"), il-BĊE aċċetta "l-istess trattament (*pari passu*) bħall-kredituri privati jew oħrajn f'dak li jikkonċerna t-titoli maħruġa mill-pajjiżi taż-żona tal-euro u akkwistati mill-Eurosistema fil-kuntest tal-[OMT], skont il-kundizzjonijiet tal-imsemmija titoli". Għalhekk, l-akkwist, mill-BĊE, tat-titoli ta' dejn Griegi fil-kuntest tal-programm ta' xiri mill-ġdid stabbilit bid-Deċiżjoni 2010/281 ma tatu ebda trattament speċjali, u dan kellu jieħu riskju ta' kreditu ugwali għal dak ta' kwalunkwe investitur ieħor privat jew istituzzjonali. Ir-rikorrenti, fil-kwalità tagħhom ta' detentur ta' titoli ta' dejn Griegi, huma, bħall-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali, kredituri rregolati mid-dritt privat tar-Repubblika Ellenika u d-dannu li huma sostnew jista' jikkawża l-istess effetti sistematiċi fuq l-ekonomija Ewropea. Minħabba l-iskambju preċedenti tat-titoli ta' dejn li jinsabu fil-portafolli tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali kontra titoli ġodda, dawn setgħu jaħarbu "fin-nuqqas [ta' ħlas] pilotat u moħbi' tal-Istat Grieg bl-effett li t-titoli ta' dejn l-oħra li ma setgħux ikunu suġġetti għal tali skambju jitwaqqgħu għal klassi inferjuri u kellhom jiffaċċjaw "il-kapaċità ta' ħlas residwu" ta' dan l-Istat. Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali għaldaqstant irriżervaw għalihom infushom status ta' kreditur ta' "grad privileġġjat" għad-detriment tas-settur privat, bl-iskuża tal-missjoni ta' politika monetarja tagħhom. Barra minn hekk, permezz tad-Deċiżjoni 2012/153 tiegħu, il-BĊE ssuġġetta b'mod illegali l-eliġibbiltà tat-titoli ta' dejn Griegi għall-għoti, favur il-banek ċentrali nazzjonali, ta' programm ta' xiri mill-ġdid tat-titoli li l-klassifikazzjoni tagħhom hija dgħajfa fl-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema. Ir-rikorrenti jikkontestaw li din l-inugwaljanza fit-trattament hija ġġustifikata b'mod oġġettiv minn interessi pubbliċi jew minn dispożizzjonijiet tat-Trattati, billi l-Artikolu 127(1) TFUE, l-Artikolu 3(3) u (4) TUE u l-Artikolu 13 TUE ma jipprevedu ebda deroga ta' dan it-tip. Fi kwalunkwe każ, il-BĊE ma ssostanzjax fiex il-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012 u l-programm ta' xiri mill-ġdid riżervat għall-banek ċentrali nazzjonali jaqgħu taħt is-setgħa diskrezzjonali tiegħu fil-qasam tal-politika monetarja, ikkontribwixxew għall-istabbiltà tal-prezzijiet taż-żona tal-euro u fiex kienu proporzjonali u neċessarji.

86 Il-BĊE jikkontesta li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-kredituri japplika fil-kuntest ta' klawżoli kuntrattwali rregolati mid-dritt privat, fejn min joħroġ titoli ta' dejn għandu l-fakultà, u mhux l-obbligu, li jinkorporah fid-dokumentazzjoni li takkumpanja t-titoli. Din ma hijiex regola universali, ta' dritt internazzjonali pubbliku jew ta' dritt kostituzzjonali komun fuq il-livell tal-Istati Membri, u inqas u inqas prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, peress li l-applikazzjoni tiegħu tiddependi mill-għażla tal-imsemmija persuna li toħroġ it-titoli. Anki jekk wieħed jippreżupponi li l-allegat obbligu ta' rispett tal-imsemmi prinċipju hija regola superjuri ta' dritt tal-Unjoni, dan joħloq obbligi ġuridiċi biss għal min joħroġ id-dejn, jiġifieri, f'dan il-każ, l-Istat Grieg, u mhux għall-kredituri tiegħu. Il-BĊE jikkontesta barra minn hekk li huwa kreditur tar-Repubblika Ellenika li huwa paragunabbli mar-rikorrenti, peress li dawn huma investituri li jfittxu renditi għoljin u wettqu investiment b'mod esklużivament privat. Għall-kuntrarju, il-BĊE xtara titoli ta' dejn Griegi fis-suq sekondarju tat-titoli fis-sempliċi kuntest tal-eżerċizzju tal-mandat pubbliku mogħti lilu skont l-Artikolu 127(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) u (4) TUE u l-Artikolu 13(1) TUE, u dan ġie affermat mill-ġdid fid-dikjarazzjoni tal-Eurogroup tal-21 ta' Frar 2012 u fl-espożizzjoni tal-motivi tal-Liġi Ellenika Nru 4050/2012. Għalhekk, permezz tad-Deċiżjoni 2010/281 tiegħu, bl-għan prinċipali li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 127(1) TFUE, il-BĊE ddeċieda li jniedi programm temporanju għas-swieq tat-titoli, li fil-kuntest tiegħu l-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali xtraw, b'mod partikolari, titoli maħruġa mir-Repubblika Ellenika. Dan ix-xiri kellu l-għan li jżomm il-"funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja, li huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-prezzijiet, u li jiffaċilita t-'twettiq effikaċi ta' politika monetarja bbażata fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet fuq żmien medju', u dan billi tiġi żgurata [...] il-likwidità tas-swieq tat-titoli ta' dejn privati u pubbliċi fiż-żona tal-euro [...]", jiġifieri għal raġunijiet differenti ħafna minn dawk li ddeterminaw id-deċiżjonijiet ta' investiment ta' kredituri privati oħra. Barra minn hekk, fl-assenza ta' esklużjoni tal-PSI tat-titoli ta' dejn Griegi miżmuma mill-banek ċentrali tal-Eurosistema, inkluż il-Bank Ċentrali Grieg, l-indipendenza finanzjarja u funzjonali tal-Eurosistema fis-sens tal-Artikolu 130 TFUE ġiet affettwata billi ġiet ippreġudikata l-kapaċità tagħha li tiffinanzja mill-ġdid l-istabbilimenti ta' kreditu u li tintervjeni fis-swieq tal-kapital skont l-Artikolu 18(1) tal-Istatuti. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni, ir-rikorrenti ma għandhom bażi sabiex isostnu l-eżistenza ta' trattament inugwali.

87 Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali tqis li għandu jiġi eżaminat jekk l-aġir inkriminat tal-BĊE jikkostitwixxix ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif stabbilit fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Sky Italia, C-234/12, Ġabra, EU:C:2013:496, punt 15), li l-BĊE, bħala istituzzjoni tal-Unjoni, hija obbligata tosserva bħala regola superjuri ta' dritt tal-Unjoni li tipproteġi l-individwi. Fil-fatt, il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament jimponi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx iġġustifikat b'mod oġġettiv. In-natura paragunabbli ta' sitwazzjonijiet differenti għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-elementi kollha li jikkaratterizzawhom. Dawn l-elementi għandhom, b'mod partikolari, jiġu ddeterminati u evalwati fid-dawl tas-suġġett u tal-għan tal-att tal-Unjoni li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji u l-għanijiet tal-qasam li taħtu jaqa' l-att inkwistjoni (ara s-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, Ġabra, EU:C:2008:728, punti 23, 25 u 26 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-12 ta' Mejju 2011, Il-Lussemburgu vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-176/09, Ġabra, EU:C:2011:290, punti 31 u 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

88 Issa, f'dan il-każ, ir-rikorrenti jitilqu minn premessa żbaljata meta jsostnu li l-individwi kollha li akkwistaw titoli ta' dejn Griegi, bħala persuni li jfaddlu jew bħala kredituri "privati" tar-Repubblika Ellenika, minn naħa, u l-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema, min-naħa l-oħra, kienu jinsabu, fir-rigward tal-prinċipji u tal-għanijiet tar-regoli rilevanti li fuqhom l-aġir inkriminat kien ibbażat, f'sitwazzjoni paragunabbli, u saħansitra identika, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament. Dan l-argument jonqos milli jirrikonoxxi b'mod partikolari li, meta xtraw titoli ta' dejn Griegi, b'mod partikolari abbażi tad-Deċiżjoni 2010/281, il-BĊE u l-imsemmija banek ċentrali nazzjonali aġixxew fl-eżerċizzju tal-missjonijiet fundamentali tagħhom,

skont l-Artikolu 127(1) u (2) TFUE u, b'mod partikolari, skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 18(1) tal-Istatuti, bl-għan li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet u tal-ġestjoni tajba tal-politika monetarja, kif ukoll fil-limiti stabbiliti mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija deċiżjoni (ara l-premessa 5 tal-imsemmija deċiżjoni).

89 Għalhekk, l-ewwel nett, il-programm ta' xiri ta' titoli ta' dejn tal-Istat, inklużi dawk Griegi, stabbilit bid-Deċiżjoni 2010/281, kien espressament ibbażat fuq l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) TFUE, u, b'mod partikolari, fuq l-Artikolu 18(1) tal-Istatuti u kien jidħol, fis-sitwazzjoni tal-kriżi finanzjarja li għaliha l-Istat Grieg kien espost, fil-kuntest "taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li jipprevalu fis-swieq tal-kapital, ikkaratterizzati mnn tensjonijiet serji fuq ċerti kompartimenti tas-suq li [kienu] jxekklu l-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja u, għaldaqstant, it-twettiq effikaċi ta' politika monetarja bbażata fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet għal żmien medju". Skont din id-deċiżjoni, dan il-programm kien għaldaqstant intiż li jagħmel "parti mill-politika monetarja unika tal-Eurosistema" sabiex "isir tajjeb għan-nuqqas ta' funzjonament tajjeb tas-swieq tat-titoli u jiġi stabbilit mill-ġdid mekkaniżmu xieraq ta' trażmissjoni tal-politika monetarja" (premessi 2 sa 4 tal-imsemmija deċiżjoni). Dawn ir-raġunijiet ma humiex ikkontestati bħala tali mir-rikorrenti, liema rikorrenti jillimitaw ruħhom biss li jibbażaw il-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni fuq is-sempliċi fatt li kemm l-investituri privati kif ukoll il-banek ċentrali tal-Eurosistema li jkunu xtraw titoli ta' dejn Griegi huma kredituri tal-Istat Grieg li għandhom drittijiet ugwali.

90 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, fil-fatt, skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 18(1) tal-Istatuti, "[s]abiex jintlaħqu l-għanijiet tas-SEBĊ u sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu", b'mod partikolari, "joperaw fis-swieq finanzjarji [...] billi jixtru u jbiegħu fil-mument (spot and forward) [...] titoli ta' self, ta' kreditu, u li jkunu trasferibbli sew jekk f'euro jew f'muniti oħra [...]". Minn dan isegwi li l-programm ta' xiri mill-ġdid tat-titoli ta' dejn tal-Istat u, għaldaqstant, ix-xiri mill-banek ċentrali tal-Eurosistema ta' tali titoli kienu jipparteċipaw fil-missjonijiet fundamentali tas-SEBĊ fis-sens tal-Artikolu 127(1) u (2) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 282(1) TFUE, u li, b'mod iktar konkret, dawn il-miżuri kienu jibbażaw ruħhom fuq l-awtorizzazzjoni prevista fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 18(1) tal-Istatuti. Barra minn hekk, minn din l-aħħar dispożizzjoni jirriżulta li x-xiri, mill-imsemmija banek ċentrali, ta' titoli ta' dejn tal-Istat fis-suq sekondarju għandu bħala l-uniku għan dak li l-għanijiet tas-SEBĊ jintlaħqu u sabiex il-missjonijiet tagħha jintlaħqu, li jeskludi kull motiv estern għal dan l-għan, b'mod partikolari l-intenzjoni li jinkisbu renditi għolja minn investimenti, jew saħansitra minn tranżazzjonijiet spekulattivi.

91 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti, bħala investituri jew persuni li jfaddlu, aġixxew f'isimhom proprja u fl-interess esklużivament privat tagħhom li jiksbu rendita massima mill-investimenti tagħhom, kienu jinsabu f'sitwazzjoni distinta minn dik tal-banek ċentrali tal-Eurosistema. Filwaqt li, skont id-dritt privat applikabbli, l-imsemmija banek ċentrali akkwistaw, matul ix-xiri ta' titoli ta' dejn tal-Istat, l-istess bħall-investituri privati, l-istatus ta' kreditur tal-Istat li joħroġ it-titoli jew debitur, dan il-punt komuni waħdu ma jistax jiġġustifika li dawn jiġu kkunsidrati bħala li jinsabu f'sitwazzjoni li tixxiebah, u saħansitra identika, għal dik tal-imsemmija investituri. Fil-fatt, tali approċċ adottat mill-perspettiva tas-sempliċi dritt privat la jieħu inkunsiderazzjoni l-qafas ġuridiku tal-operazzjoni ta' xiri tal-imsemmija titoli mill-banek ċentrali u lanqas tal-għanijiet ta' interess pubbliku li dawn kienu msejħa jfittxu f'dan il-kuntest skont ir-regoli ta' dritt primarju applikabbli, li l-prinċipji u l-għanijiet tagħhom għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni fir-rigward tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament (ara l-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 87 iktar 'il fuq).

92 Għaldaqstant għandu jiġi konkluż li r-rikorrenti, bħala investituri privati li xtraw titoli ta' dejn Griegi bis-sempliċi interess patrimonjali privat tagħhom, tkun xi tkun ir-raġuni preċiża tad-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom, kienu jinsabu f'sitwazzjoni differenti minn dik tal-banek ċentrali tal-Eurosistema li d-deċiżjoni tagħhom kienet esklużivament iggwidata minn għanijiet ta' interess pubbliku, bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 127(1) u (2) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 282(1) TFUE, kif ukoll l-ewwel

inċiż tal-Artikolu 18(1) tal-Istatuti. Għalhekk, fin-nuqqas ta' paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni, l-għoti u l-implementazzjoni tal-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012 ma jistgħux jikkostitwixxu ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

93 It-tieni nett, ir-rikorrenti lanqas ma għandhom bażi sabiex jallegaw, essenzjalment, li l-investituri privati u l-banek ċentrali tal-Eurosistema jinsabu f'sitwazzjonijiet paragunabbli fir-rigward tal-impatt fuq l-ekonomija Ewropea tal-effetti tat-tnaqqis tal-valur tad-djun tagħhom. Skont ir-rikorrenti, il-piżijiet imposti fuq l-investituri privati biss fil-kuntest tar-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg "jistgħu jikkawżaw l-istess effetti sistematiċi fuq l-ekonomija Ewropea" bħalma tikkawża parteċipazzjoni ugwalitarja tal-banek ċentrali tal-Eurosistema fl-imsemmija ristrutturazzjoni, li huma ħarġu minnha billi laħqu u billi implementaw il-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012. Anki jekk wieħed jippreżupponi li, permezz ta' dan l-argument, ir-rikorrenti huma intiżi jsostnu li l-PSI u l-proċedura skont il-KAK kienu ta' natura li jippreġudikaw b'mod qawwi l-fiduċja tal-investituri privati u istituzzjonali fil-valur intrinsiku tat-titoli ta' dejn Griegi u, għaldaqstant, fl-affidabbiltà tal-Istat Grieg bħala debitur – biża' li fuqha kienet ibbażata l-oppożizzjoni inizjali tal-BĊE fin-nuqqas selettiv tar-Repubblika Ellenika u għar-ristrutturazzjoni parzjali tad-dejn pubbliku tagħha (ara l-punti 78 sa 80 iktar 'il fuq) -, huma naqsu milli jippreċiżaw u jagħtu prova li dawn il-konsegwenzi huma paragunabbli għal dawk li kellhom isostnu l-banek ċentrali tal-Eurosistema u li huma jistgħu ifixklu l-funzjonament tal-imsemmija sistema bl-istess mod. Għall-kuntrarju, fir-rigward tal-ammont totali tal-valur tat-titoli ta' dejn Griegi akkwistati u miżmuma mill-imsemmija banek ċentrali, kif enfasizzat mir-rikorrenti stess, il-parteċipazzjoni eventwali tal-imsemmija banek fir-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku ta' Stat Membru taż-żona tal-euro, indipendentement min-natura leċita jew le tagħha fir-rigward tal-Artikolu 123 TFUE (ara l-punt 114 iktar 'il fuq), irriskjat li taffettwa l-integrità finanzjarja tal-Eurosistema kollha kemm hi u, b'mod partikolari, il-kapaċità tagħha li tintervjeni fis-swieq tal-kapital u li tiffinanzja mill-ġdid l-istabbilimenti ta' kreditu skont l-ewwel u t-tieni inċiżi tal-Artikolu 18(1) tal-Istatuti. F'dan ir-rigward għandu jiġi ppreċiżat li t-titoli ta' dejn tal-Istat fl-istess waqt jikkostitwixxu garanziji li dawn il-banek ċentrali normalment huma mistennija li jaċċettaw għall-finijiet ta' operazzjonijiet ta' kreditu fi ħdan l-Eurosistema u sabiex jinżamm l-aċċess tal-istabbilimenti ta' kreditu nazzjonali għal-likwidità (ara l-punt 6 tad-dokumentazzjoni ġenerali msemmija fil-punt 4 iktar 'il fuq). Minn dan isegwi li għandu wkoll jiġi miċħud l-ilment li l-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema rriżervaw għalihom status ta' kreditur ta' "grad privileġġjat" għad-detriment tas-settur privat, "bl-iskuża tal-missjoni ta' politika monetarja tagħhom".

94 It-tielet nett, f'dan il-kuntest, ma jistax jintlaqa' l-argument tar-rikorrenti li, permezz tad-Deċiżjoni 2012/153, il-BĊE ssuġġetta b'mod illegali l-eliġibbiltà tat-titoli ta' dejn Griegi għall-għoti favur il-banek ċentrali nazzjonali ta' programm ta' xiri mill-ġdid tat-titoli li l-klassifikazzjoni tagħhom hija dgħajfa fl-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema. Sa fejn dan l-argument huwa intiż li jsostni inugwaljanza fit-trattament imputabbli għall-BĊE għad-detriment tal-investituri privati u b'mod partikolari tar-rikorrenti, dawn ukoll baqgħu ma ppreċiżawx u ma tawx prova li huma kienu jinsabu f'sitwazzjoni analoga għal dik tal-banek ċentrali nazzjonali. Hekk kif il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet, essenzjalment, fid-digriet tagħha Accorinti *et* vs BĊE, punt 44 iktar 'il fuq (EU:T:2014:611, punti 76 sa 78), anki jekk l-obbligu għar-Repubblika Ellenika li tipprovdi tisħiħ tal-kollateral favur il-banek ċentrali nazzjonali fil-forma ta' programm ta' xiri kellu l-bażi legali tiegħu fid-Deċiżjoni 2012/153, l-imsemmi obbligu kien intiż biss li jiggarantixxi ż-żamma tal-possibbiltà għall-imsemmija banek ċentrali li jaċċettaw it-titoli ta' dejn Griegi bħala garanziji xierqa għall-finijiet ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 18(1) tal-Istatuti, għaliex, fl-assenza ta' tali tisħiħ tal-kollateral, l-imsemmija titoli ma baqgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi tal-Eurosistema fil-qasam tal-livelli ta' kwalità tal-kreditu skont il-kriterji rilevanti tad-dokumentazzjoni ġenerali. L-imsemmi obbligu għaldaqstant jiżgura ż-żamma tal-marġni ta' manuvra tal-banek ċentrali tal-Eurosistema skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 127(1) u (2) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 282(1) TFUE, kif ukoll tal-ewwel u t-tieni inċiżi tal-Artikolu 18(1) tal-Istatuti, u, għaldaqstant, kien jipprevedi sitwazzjoni li ma kinitx paragunabbli ma' dik li fiha kienu jinsabu l-investituri privati. Fil-fatt, peress li dawn tal-aħħar kienu akkwistaw u żammew titoli ta' dejn Griegi għal finijiet esklużivament privati, huma kienu jinsabu f'sitwazzjoni differenti mill-banek ċentrali

tal-Eurosistema li kellhom setgħat u dmirijiet skont id-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq. Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti ma setgħux jitolbu, taħt il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, il-benefiċċju analogu ta' programm ta' xiri mill-ġdid tat-titoli ta' dejn tagħhom mill-Istat Grieg.

95 Fi kwalunkwe każ, hekk kif il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet fid-digriet tagħha Accorinti *et* vs BĊE, punt 44 iktar 'il fuq (EU:T:2014:611, punt 85), it-tisħiħ tal-kollateral ordnat mill-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2012/153 kien jiggarantixxi ż-żamma tal-eliġibbiltà tat-titoli ta' dejn Griegi kollha koperti mill-imsemmi tisħiħ, inklużi dawk li saritilhom konverżjoni skont il-KAK. Għalhekk, l-imsemmija deċiżjoni kienet tipproteġi lil dawn it-titoli, fosthom dawk miżmuma u skambjati mir-rikorrenti, għal telf addizzjonali li seta' jirriżulta mit-tnaqqis tal-klassifikazzjoni tagħhom, u saħansitra l-insolvenza tar-Repubblika Ellenika. Minn dan isegwi li, taħt dan l-aspett, ir-rikorrenti lanqas ma għandhom bażi sabiex isostnu inugwaljanza fit-trattament għad-detriment tagħhom.

96 Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti, fir-rigward tal-aspetti u tal-aġir imressqa, inkluż il-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012 u d-Deċiżjoni 2012/153, ma kinux jinsabu f'sitwazzjonijiet paragunabbli, u saħansitra identiċi, għal dawk tal-banek ċentrali tal-Eurosistema, li setgħu jiġġustifikaw il-konklużjoni li jeżisti ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

97 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma wrewx ksur mill-BĊE tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament li seta' jiskatta r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tiegħu.

98 Fit-tieni lok, f'dak li jikkonċerna l-ilmenti bbażati fuq il-klawżola *pari passu*, l-ewwel nett għandu jiġi rrilevat li l-eżistenza ta' tali regola fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma hijiex murija.

99 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-fatt allegat mir-rikorenti li jgħid li l-Principles Consultative Group (PCG) ippropona, fir-rapport tiegħu bit-titolu "Principles for Stable Capital Flows and Fair Debt Restructuring in Emerging Markets" tal-2010, li tiġi rrikonoxxuta, f'dak lil jikkonċerna s-"swieq emerġenti", l-applikazzjoni *pari passu* fuq il-livell internazzjonali ma huwiex rilevanti fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk tali regola teżistix fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Bl-istess mod, ir-rikorrenti lanqas ma jistgħu jinvokaw b'mod utli r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar proċedimenti ta' falliment (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 191). Għall-kuntrarju, dan ir-regolament ikkonstata l-eżistenza ta' diverġenzi kunsiderevoli f'dan ir-rigward fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, inklużi dawk li jikkonċernaw it-trattament preferenzjali tal-kredituri (premessa 11 tal-istess regolament) u kulma għamel kien li stabbilixxa regoli ta' kunflitt ta' liġijiet uniformi għall-finijiet, b'mod partikolari, li jikkoordina t-tqassim tal-prodott tat-twettiq sabiex l-ugwaljanza fit-trattament tal-kredituri tiġi ppreżervata l-iktar possibbli (premessi 21 u 23 tal-imsemmi regolament).

100 Barra minn hekk, sa fejn regola li timponi l-*pari passu* timplika trattament ugwali tal-kredituri mingħajr teħid inkunsiderazzjoni tas-sitwazzjonijiet distinti li fihom ikunu jinsabu, b'mod partikolari, l-investituri privati, minn naħa, u l-banek ċentrali tal-Eurosistema li jaġixxu fl-eżerċizzju tal-missjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 127 TFUE u l-Artikolu 18 tal-Istatuti, min-naħa l-oħra, ir-rikonoxximent ta' tali regola fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jkun jista' jidħol f'kunflitt mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif dan jinsab imsemmi fil-punt 87 iktar 'il fuq.

101 It-tieni nett u konsegwentement, hija biss l-inklużjoni tiegħu fil-kuntest ta' klawżoli kuntrattwali, inklużi dawk dwar il-ħruġ u l-bejgħ ta' titoli ta' dejn tal-Istat, li jirregolaw ir-relazzjoni bejn min joħroġhom u d-debitur u d-detentur u l-kreditur ta' bond tista', jekk ikun il-każ, tagħti natura ġuridikament obbligatorja lil klawżola *pari passu*. Din in-natura obbligatorja għaldaqstant tkun tiddependi minn deċiżjoni awtonoma ta' min joħroġ il-bonds inkwistjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kundizzjonijiet ġenerali li jakkumpanjaw il-ħruġ tagħhom, li jissuġġetta ruħu għall-applikazzjoni tal-imsemmija klawżola billi jimpenja ruħu li jittratta lill-kredituri tiegħu b'mod ugwali. Kif isostni

b'mod korrett il-BĊE, minn dan barra minn hekk jirriżulta li, f'dan il-każ, min joħroġ it-titoli ta' dejn Griegi li jista', jekk ikun il-każ, ikun marbut mill-klawżola *pari passu* huwa l-Istat Grieg stess u mhux il-banek ċentrali tal-Eurosistema bħala kredituri u detenturi ta' tali titoli.

102 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma għandhomx bażi sabiex jinvokaw id-deċiżjoni tal-BĊE dwar l-OMT, wara l-fatti rilevanti tal-każ ineżami, li, skont il-kundizzjonijiet tagħha u l-kamp ta' applikazzjoni speċifiċi tagħha, jiġifieri l-eżistenza ta' programm komplet ta' aġġustament makroekonomiku jew ta' programm ta' prekawzjoni tal-FESF u tal-MES, tikkonċerna sitwazzjonijiet mhux paragunabbli ma' dik tal-kriżi mingħajr preċedent tad-dejn pubbliku li biha kienet ikkonfrontata r-Repubblika Ellenika fil-bidu tas-sena 2012 u fil-kuntest tagħhom l-applikazzjoni tal-klawżola *pari passu* tiddependi preċiżament fuq il-kundizzjonijiet ta' ħruġ mogħtija lid-debitur li joħroġ it-titoli kkonċernati (ara l-punt 37 iktar 'il fuq).

103 Konsegwentement, dan il-motiv għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

– Fuq il-motiv ibbażat fuq użu ħażin ta poter u fuq l-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, "ta' koerenza u ta' razzjonalità"

104 Fil-kuntest tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-BĊE, minn naħa, b'użu ħażin ta' poter peress li l-BĊE ma għandux setgħa diskrezzjonali – jew li tal-inqas abbuża mill-imsemmi poter – sabiex jipproteġi l-baġit finanzjarju tiegħu kontra t-telf li l-kredituri privati għandhom isostnu, u, min-naħa l-oħra, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ta' koerenza u ta' razzjonalità", li jirriżulta mid-"dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 5(4) TUE u tal-Artikolu 296 TFUE". Billi ta, fl-interess tiegħu stess u f'dak tal-banek ċentrali nazzjonali, trattament favorevoli għad-detriment tal-kredituri privati billi uża setgħat li r-rikorrenti ma għandhomx, il-BĊE wettaq użu ħażin ta' poter. Fil-fatt, tali miżura ma tintegrax ruħha fil-kuntest ta' politika monetarja intiża li tiżgura l-istabbiltà tal-prezzijiet. Barra minn hekk, permezz tal-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012, il-BĊE pproteġa r-riżorsi finanzjarji tiegħu billi evita li jsofri t-telf li l-kredituri u l-persuni li jfaddlu privati biss kellhom isostnu, u dan mingħajr ma għandu setgħa ta' diskrezzjoni għal dan l-għan jew, tal-inqas, billi għamel użu abbużiv mill-imsemmija setgħa, "b'mod partikolari billi ddefinixxa t-tisħiħ tal-kollateral deċiż mill-kapijiet ta' Stat u ta' Gvern taż-żona tal-euro fil-21 ta' Lulju 2011'. Skont ir-rikorrenti, dan l-użu ħażin ta' poter jirriżulta mill-assenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-għan konkret imfittex mill-BĊE permezz tal-miżuri adottati li għaldaqstant huma, anki taħt dan l-aspett, arbitrarji. Fil-fatt, l-aġir tal-BĊE kien motivat mill-għan determinanti, saħansitra esklużiv, li jinħoloq status ta' kreditur privileġġjat li jista' jevita, b'differenza mill-kredituri privati, ir-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg. Fi kwalunkwe każ, dan l-aġir tal-BĊE kif ukoll id-deċiżjonijiet tiegħu ma jirrispettawx il-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' koerenza u ta' razzjonalità. Fl-aħħar nett, billi ometta, matul in-negozjati tal-ftehim ta' skambju mar-Repubblika Ellenika, li jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tal-investituri privati, il-BĊE naqas milli josserva r-regoli superjuri tad-dritt tal-Unjoni u mar lil hinn, b'mod serju u manifest, mil-limiti tal-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu. Għalhekk, il-kredituri privati kienu l-uniċi li kellhom ibatu, b'mod mhux ġustifikat u "punittiv", il-konsegwenzi negattivi tar-ristrutturazzjoni imposta tad-dejn pubbliku Grieg, filwaqt li l-BĊE, l-iktar kreditur importanti, evitahom. Madankollu, it-tnaqqis tal-valur nominali tat-titoli ta' dejn Griegi suġġett għall-PSI kien ċertament ikun inqas li kieku l-BĊE kien ipparteċipa kif xieraq f'din ir-ristrutturazzjoni bl-istess mod bħall-kredituri privati.

105 Il-BĊE jitlob iċ-ċaħda ta' dan il-motiv. Huwa jsostni li kellu biss rwol konsultattiv fil-kuntest tal-proċess ta' negozjati kumpless fuq il-livell politiku u makroekonomiku li kien intiż li jiżgura l-appoġġ ta' numru kbir ta' kredituri u ta' stabbilimenti finanzjarji oħra bl-għan li jiġi evitat in-nuqqas ta' ħlas tar-Repubblika Ellenika u li finalment wassal għall-PSI. Barra minn hekk, ma huwiex il-BĊE li għandu jiġġustifika l-leġiżlazzjoni adottata mir-Repubblika Ellenika fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Fid-dawl tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni tad-deċiżjoni tar-Repubblika Ellenika li teskludi l-parteċipazzjoni tal-BĊE fil-PSI, l-attività konsultattiva ta' dan tal-aħħar ma tistax titqies

bħala li tikkostitwixxi użu mhux xieraq tas-setgħat tiegħu. In-negozjati tal-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012 kienu neċessarji fuq il-pjan tekniku sabiex jiggarantixxu l-implementazzjoni tad-deċiżjoni meħuda mil-leġiżlatur Grieg. Ma eżista ebda kunflitt ta' interessi fi ħsieb il-BĊE, li l-attività tiegħu kienet konformi mad-dmir tiegħu li jipproteġi l-indipendenza finanzjarja tiegħu sabiex ikompli jwettaq il-missjonijiet previsti mit-Trattat FUE.

106 Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li att ikun ivvizzjat minn użu ħażin ta' poter biss jekk ikun jidher, abbażi ta' indizji oġġettivi, rilevanti u konkordanti, li jkun ġie adottat bl-għan esklużiv, jew tal-inqas determinanti, li jintlaħqu għanijiet li ma humiex dawk eċċepiti jew li jevitaw proċedura speċjalment prevista mit-Trattat sabiex tagħmel tajjeb għaċ-ċirkustanzi inkwistjoni (ara s-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008, People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill, T-256/07, Ġabra, EU:T:2008:461, punt 151 u l-ġurisprudenza ċċitata).

107 Għandu jiġi rrilevat li, permezz ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti jikkontestaw il-legalità tal-aġir tal-BĊE essenzjalment għall-istess raġunijiet bħal dawk imressqa insostenn tal-ewwel u tat-tieni motivi. Issa, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 87 sa 96 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma ressqux indizji oġġettivi, rilevanti u konkordanti ta' natura li jindikaw li, permezz tal-aġir inkriminat tiegħu, il-BĊE wettaq użu ħażin ta' poter, wettaq abbuż mis-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu skont l-Artikolu 125(1) u (2) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 282(1) TFUE, kif ukoll mal-ewwel u t-tieni inċiżi tal-Artikolu 18(1) tal-Istatuti jew inkella naqas milli josserva, b'mod manifest u serju, il-limiti tal-imsemmija setgħa diskrezzjonali jew il-kompetenzi tiegħu fil-qasam tal-politika monetarja fis-sens tal-prinċipji mfakkra fil-punti 67 sa 69 iktar 'il fuq.

108 Għaldaqstant, il-ħolqien, permezz tal-konklużjoni u tal-implementazzjoni tal-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012, tal-allegat "status ta' kreditur privileġġjat" tal-banek ċentrali tal-Eurosistema sabiex jevitaw ir-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg skont il-PSI u skont l-applikazzjoni tal-KAK ma jistax jitqies bħala abbużiv jew li jmur lil hinn mil-limiti tal-kompetenzi tal-BĊE. Għall-kuntrarju, dawn il-miżuri jaqgħu fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu u tal-missjonijiet fundamentali tiegħu sa fejn dawn kienu intiżi preċiżament li jippreżervaw il-marġni ta' manuvra tal-imsemmija banek ċentrali u jiżguraw il-kontinwità tal-funzjonament tajjeb tal-Eurosistema (ara l-punt 93 iktar 'il fuq). L-istess jgħodd għad-Deċiżjoni 2012/153 sa fejn din obbligat lir-Repubblika Ellenika tipprovdi lill-banek ċentrali nazzjonali b'żieda mill-ġdid tal-kreditu sabiex dawn ikunu jistgħu jkomplu jaċċettaw it-titoli ta' dejn Griegi bħala garanziji xierqa għall-finijiet ta' operazzjonijiet ta' kreditu fl-Eurosistema fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 18(1) tal-Istatuti (ara l-punt 94 iktar 'il fuq).

109 Għaldaqstant, l-ilmenti bbażati fuq użu ħażin jew abbuż ta' poter għandhom jiġu miċħuda.

110 Fl-aħħar nett, ir-raġunijiet imressqa insostenn tal-ilmenti bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, "ta' koerenza u ta' razzjonalità", kif ukoll ta' ksur li jirriżulta mid-"dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 5(4) TUE u tal-Artikolu 296 TFUE" f'dan il-punt huma qosra, vagi u impreċiżi, u ma jippermettux li wieħed jifhem sa fejn l-imsemmija ilmenti huma differenti minn dawk li diġà ġew evalwati u miċħuda. Għalhekk, dawn l-ilmenti wkoll għandhom jiġu miċħuda.

111 Konsegwentement, l-ilmenti invokati fil-kuntest tat-tielet motiv ma jistgħux jitqiesu u ma humiex ta' natura li jiskattaw ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-BĊE.

– Fuq il-motiv ta' ksur tal-Artikoli 123 TFUE u 127 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 21 tal-Istatuti

112 Fil-kuntest tar-raba' motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-BĊE kiser l-Artikoli 123 TFUE u 127 TFUE kif ukoll l-Artikolu 21 tal-Istatuti. Huwa allegatament mar lil hinn b'mod manifest u serju mis-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu taħt dawn ir-regoli billi nnegozja l-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012 u billi kiseb status ta' kreditur privileġġjat li d-dispożizzjonijiet fis-seħħ ma kinux jipprevedu. Huwa iktar u iktar minnu li l-BĊE kien jinsab f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi, b'teħid

inkunsiderazzjoni tal-pożizzjoni tiegħu fi ħdan it-"trojka" u l-Eurogroup, tal-pożizzjoni tiegħu ta' kreditur tar-Repubblika Ellenika, kif ukoll ta' dik ta' gwardjan tal-politika monetarja fis-sens tal-Artikolu 127 TFUE. Dawn il-miżuri ma jistgħux jiġu ġġustifikati mill-indipendenza jew l-awtonomija tal-BĊE, kif huma rikonoxxuti mit-Trattati, peress li l-interventi u d-deċiżjonijiet ta' politika monetarja li għalihom il-BĊE huwa kompetenti huma intiżi għat-tfittxija tal-għanijiet ġenerali tal-Unjoni u għandhom josservaw id-dritt tal-Unjoni, fosthom il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Ir-rikorrenti jżidu li "l-BĊE jew kiser, minħabba eċċess jew użu ħażin ta' poter, il-kompetenzi attribwiti lilu mill-Artikolu 127 TFUE, jew inkella [huwa] kiser l-Artikolu 123 TFUE". Skont ir-rikorrenti, għalkemm l-istabbiltà tal-prezzijiet hija l-oġġettiv tal-politika monetarja, l-istabbiltà finanzjarja miksuba permezz ta' għajnuna mogħtija bl-akkwist ta' titoli ta' Stat ta' pajjiż taż-żona tal-euro f'diffikultà ma tagħmilx parti mill-missjonijiet tal-Eurosistema.

113 Il-BĊE jitlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

114 Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-argument imressaq insostenn ta' dan il-motiv huwa partikolarment vag u qasir u jikkoinċidi b'mod qawwi ma' dak imressaq insostenn tat-tieni u tat-tielet motivi, b'mod li l-kunsiderazzjonijiet żviluppati fil-punti 87 sa 96 u 107 sa 110 iktar 'il quddiem japplikaw *mutatis mutandis*. Barra minn hekk, dan l-argument huwa intrinsikament kontradittorju sa fejn dan huwa intiż li jsostni ksur tal-Artikolu 123 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 21 tal-Istatuti. Fil-fatt, hekk kif isostnu r-rikorrenti stess, l-aġir inkriminat tal-BĊE, b'mod partikolari l-adozzjoni tal-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012, kien intiż li jevita li l-banek ċentrali tal-Eurosistema jipparteċipaw fir-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg billi jissagrifikaw parti mill-valur tat-titoli ta' dejn Griegi miżmuma fil-portafolli rispettivi tagħhom. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li tali parteċipazzjoni mingħajr kundizzjonijiet irriskjat preċiżament li din tiġi kklassifikata bħala intervent li għandu effett ekwivalenti għal dak tal-akkwist dirett mill-imsemmija banek ċentrali ta' titoli tal-Istat, ipprojbit mill-Artikolu 123 TFUE.

115 Konsegwentement, l-ilmenti invokati fil-kuntest tar-raba' motiv ma jistgħux jintlaqgħu u ma humiex ta' natura li jiskattaw ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-BĊE.

116 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għandu jiġi konkluż li ebda wieħed mill-motivi ta' illegalità invokati mir-rikorrenti ma jista' jissodisfa l-ewwel kundizzjoni tal-iskattar tar-responsabbiltà kuntrattwali tal-BĊE, fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE. Għaldaqstant, it-talbiet għal kumpens għandhom jiġu miċħuda sa fejn dawn huma bbażati fuq ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-BĊE minħabba att illeċitu, għal din ir-raġuni biss u mingħajr ma jkun neċessarju li jiġu evalwati l-kundizzjonijiet tar-realtà tad-dannu u tal-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegat u d-dannu invokat.

2. *Fuq ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-BĊE minħabba att normattiv leċitu*

117 B'mod sussidjarju, ir-rikorrenti jsostnu li huma sostnew dannu anormali u speċjali fis-sens tal-ġurisprudenza li jtihom dritt għal kumpens anki fl-assenza ta' att illeċitu tal-BĊE. F'dan il-każ, huma sostnew "preġudizzju żmiżurat u intollerabbli għall-essenza stess" tad-dritt tagħhom għal proprjetà bħala detenturi ta' titoli ta' dejn Griegi, sa fejn il-valur nominali tal-imsemmija titoli tnaqqas b'mod sproporzjonat.

118 Il-BĊE tikkontesta kemm l-eżistenza ta' sistema ta' responsabbiltà minħabba att leċitu fid-dritt tal-Unjoni kif ukoll dik, f'dan il-każ, ta' dannu anormali u speċjali.

119 Fir-rigward tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni minn att leċitu li jaqa' fl-isfera ta' kompetenza normattiva tagħha, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli *mutatis mutandis* għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-BĊE skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE jirriżulta li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, l-eżami komparattiv

tal-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri ma jippermettix li l-eżistenza ta' sistema ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni tiġi kkonsakrata mill-fatt tal-eżerċizzju leċitu minnha tal-attivitajiet tagħha li jaqgħu fl-isfera normattiva (ara s-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2014, Buono *et* vs Il-Kummissjoni, C-12/13 P u C-13/13 P, Ġabra, EU:C:2014:2284, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, f'dan il-każ, xi atti msemmija mir-rikorrenti, fosthom id-Deċiżjoni 2012/153, jaqgħu taħt l-eżerċizzju, mill-BĊE, tas-setgħat deċiżjonali normattivi tiegħu. Għalhekk u għal din ir-raġuni biss, it-talba għal kumpens għandha tiġi miċħuda f'dak li jirrigwarda l-atti ta' portata ġenerali adottati mill-BĊE jew f'dak li jirrigwarda r-rifjut tiegħu li jadotta tali att, bħal dawk imsemmija fil-punt 71 iktar 'il fuq.

120 Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma jistgħux jallegaw li sostnew dannu anormali u speċjali li jista' jiġġustifika tali responsabbiltà fl-ipoteżi fejn din kellha madankollu tiġi rrikonoxxuta fil-prinċipju. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, minn naħa, dannu jkun ta' natura "anormali" jekk dan ikun jaqbeż il-limiti tar-riskji ekonomiċi inerenti għall-attivitajiet fis-settur ekonomiku inkwistjoni (ara s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2012, Syndicat des thoniers méditerranéens *et* vs Il-Kummissjoni, T-574/08, EU:T:2012:583, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata). Min-naħa l-oħra, id-dannu għandu jiġi kklassifikat bħala "speċjali" jekk l-att ikkonċernat jaffettwa kategorija partikolari ta' operaturi ekonomiċi b'mod sproporzjonat meta mqabbel ma' operaturi oħra (sentenzi tat-28 ta' April 1998, Dorsch Consult vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-184/95, Ġabra, EU:T:1998:74, punt 80, u tal-10 ta' Frar 2004, Afrikanische Frucht Compagnie u Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-64/01 u T-65/01, Ġabra, EU:T:2004:37, punt 151).

121 F'dan il-każ, id-dannu invokat mir-rikorrenti ma jaqbiżx il-limiti tar-riskji ekonomiċi inerenti għall-attivitajiet kummerċjali fil-kuntest tas-settur finanzjarju, b'mod partikolari għat-tranżazzjonijiet li jirrigwardaw titoli ta' dejn negozjabbli maħruġa minn Stat, speċjalment meta dan l-Istat ikollu, bħar-Repubblika Ellenika sa minn tmiem l-2009, klassifikazzjoni mnaqqsa. Għall-kuntrarju, indipendentement mill-prinċipju ġenerali li jgħid li kull kreditur għandu jsostni r-riskju ta' insolvenza tad-debitur tiegħu, inkluż dak li jkun Stat, tali tranżazzjonijiet jitwettqu fi swieq partikolarment volatili, spiss suġġetti għal perikli u għal riskji mhux kontrollabli fir-rigward tat-tnaqqis jew taż-żieda tal-valur ta' tali titoli, u dan jista' jistieden l-ispekulazzjoni sabiex jinkisbu renditi għolja fi żmien qasir ħafna. Għaldaqstant, anki jekk wieħed jippreżupponi li mhux ir-rikorrenti kollha huma involuti fi tranżazzjonijiet ta' natura spekulattiva, huma kellhom ikunu jafu bl-imsemmija perikli u riskji fir-rigward ta' telf kunsiderevoli possibbli tal-valur tat-titoli akkwistati. Dan huwa iktar minnu għaliex, anki qabel il-bidu tal-kriżi finanzjarja tiegħu fl-2009, l-Istat Grieg emettur kien diġà qiegħed jiffaċċja dejn u defiċit għolja. Għaldaqstant, id-dannu sostnut minħabba l-PSI ma jistax jiġi kklassifikat bħala "anormali" fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq.

122 Lanqas ma hu possibbli li dan id-dannu jiġi kklassifikat bħala "speċjali", peress li r-rikorrenti kienu suġġetti, bl-istess mod bħall-investituri privati l-oħra kollha, ċertament b'esklużjoni tal-banek ċentrali tal-Eurosistema, għall-PSI u għall-mekkaniżmu ta' tnaqqis ibbażat fuq il-Liġi Ellenika Nru 4050/2012. F'dawn il-kundizzjonijiet u b'teħid inkunsiderazzjoni tan-numru kbir ta' investituri kkonċernati, identifikati mill-imsemmija liġi b'mod ġenerali u oġġettiv skont, b'mod partikolari, in-numru tas-serje tat-titoli inkwistjoni, ir-rikorrenti ma jistgħux jitqiesu bħala li jappartjenu għal kategorija partikolari ta' operaturi ekonomiċi li kienu affettwati b'mod sproporzjonat meta mqabbel ma' operaturi oħra.

123 Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, ir-rikors għandu jiġi miċħud kollu kemm hu, mingħajr il-bżonn li tiġi evalwata l-ammissibbiltà tal-provi ppreżentati għall-ewwel darba fir-risposta, mingħajr ma l-BĊE jiġi ordnat jipproduċi l-ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012 jew li jitlob l-istabbiliment ta' perizja għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont tad-danni sostnuti.

**Fuq l-ispejjeż**

124 L-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jipprovdi li l-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż, kif mitlub mill-BĊE.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Alessandro Accorinti u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-Anness huma kkundannati għall-ispejjeż.**

Prek Labucka Kreuschitz

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-7 ta' Ottubru 2015.

Firem

Anness

**Michael Acherer**, residenti fi Bressanone (l-Italja),

**Giuliano Agostinetti**, residenti f'Mestre (l-Italja),

**Marco Alagna**, residenti f'Milano (l-Italja),

**Riccardo Alagna**, residenti f'Milano,

**Agostino Amalfitano**, residenti f'Forio (l-Italja),

**Emanuela Amsler**, residenti f'Torino (l-Italja),

**Francine Amsler**, residenti f'Torino,

**Alessandro Anelli**, residenti f'Bellinzago Novarese (l-Italja),

**Angelo Giovanni Angione**, residenti f'Potenza (l-Italja),

**Giancarlo Antonelli**, residenti f'Verona (l-Italja),

**Giuseppe Aronica**, residenti f'Licata (l-Italja),

**Elisa Arsenio**, residenti f'Sesto San Giovanni (l-Italja),

**Pasquale Arsenio**, residenti f'Sesto San Giovanni,

**Luigi Azzano**, residenti f'Concordia Sagittaria (l-Italja),

**Giovanni Baglivo**, residenti f'Lecce (l-Italja),

**Mario Bajeli**, residenti f'Bergamo (l-Italja),

**Mario Stefano Baldoni**, residenti f'Matera (l-Italja),

**Giulio Ballini**, residenti f'Lonato (l-Italja),

**Antonino Barbara**, residenti f'Napoli (l-Italja),

**Armida Baron**, residenti f'Cassola (l-Italja),

**Paolo Baroni**, residenti f'Ruma (l-Italja),

**Lucia Benassi**, residenti f'Scandiano (l-Italja),

**Michele Benelli**, residenti f'Madignano (l-Italja),

**Erich Bernard**, residenti f'Lana (l-Italja),

**Flaminia Berni**, residenti f'Ruma,

**Luca Bertazzini**, residenti f'Monza (l-Italja),

**Adriano Bianchi**, residenti f'Casale Corte Cerro (l-Italja),

**Massimiliano Bigi**, residenti f'Montecchio Emilia (l-Italja),

**Daniele Fabrizio Bignami**, residenti f'Milano,

**Sergio Borghesi**, residenti f'Coredo (l-Italja),

**Borghesi Srl**, stabbilita fi Cles (l-Italja),

**Sergio Bovini**, residenti f'Cogoleto (l-Italja),

**Savino Brizzi**, residenti f'Torino,

**Annunziata Brum**, residenti f'Badiola (l-Italja),

**Christina Brunner**, residenti f'Laives (l-Italja),

**Giovanni Busso**, residenti f'Caselette (l-Italja),

**Fabio Edoardo Cacciuttolo**, residenti f'Milano,

**Vincenzo Calabrò**, residenti f'Ruma,

**Carlo Cameranesi**, residenti f'Ancona (l-Italja),

**Giuseppe Campisciano**, residenti f'Besana in Brianza (l-Italja),

**Allegra Canepa**, residenti f'Pisa (l-Italja),

**Luca Canonaco**, residenti f'Como (l-Italja),

**Piero Cantù**, residenti f'Vimercate (l-Italja),

**Fabio Capelli**, residenti f'Tortone (l-Italja),

**Gianluca Capello**, residenti f'San Remo (l-Italja),

**Sergio Capello**, residenti f'San Remo,

**Filippo Caracciolo Di Melito**, residenti f'Lucca (l-Italja),

**Mario Carchini**, residenti f'Carrara (l-Italja),

**Elena Carra**, residenti f'Ruma,

**Claudio Carrara**, residenti f'Nembro (l-Italja),

**Filippo Carosi**, residenti f'Ruma,

**Ivan Michele Casarotto**, residenti f'Verona,

**Anna Maria Cavagnetto**, residenti f'Torino,

**Gabriele Lucio Cazzulani**, residenti f'Segrate (l-Italja),

**Davide Celli**, residenti f'Rimini (l-Italja),

**Antonio Cerigato**, residenti f'Ferrara (l-Italja),

**Paolo Enrico Chirichilli**, residenti f'Ruma,

**Celestino Ciocca**, residenti f'Ruma,

**Mariagiuseppa Civale**, residenti f'Milano,

**Benito Colangelo**, residenti f'Bollate (l-Italja),

**Roberto Colicchio**, residenti f'Milano,

**Edoardo Colli**, residenti fi Trieste (l-Italja),

**Nello Paolo Colombo**, residenti f'Casatenovo (l-Italja)

**Mario Concini**, residenti fi Tuenno (l-Italja),

**Marika Congestrì**, residenti f'S. Onofrio (l-Italja),

**Luigi Corsini**, residenti f'Pistoia (l-Italja),

**Maria Chiara Corsini**, residenti f'Genova (l-Italja),

**Aniello Cucurullo**, residenti f'Civitavecchia (l-Italja),

**Roberto Cugola**, residenti f'Melara (l-Italja),

**Roberto Cupioli**, residenti f'Rimini,

**Giuseppe D'Acunto**, residenti f'Lucca,

**Nazzareno D'Amici**, residenti f'Ruma,

**Stefano D'Andrea**, residenti f'Ancona,

**Rosa D'Antonio**, residenti f'Ercolano (l-Italja),

**Michele Danelon**, residenti fi Gruaro (l-Italja),

**Piermaria Carlo Davoli**, residenti f'Milano,

**Iole De Angelis**, residenti f'Ruma,

**Roberto De Pieri**, residenti f'Treviso (l-Italja),

**Stefano De Pieri**, residenti f'Martellago (l-Italja),

**Ario Deasti**, residenti f'San Remo,

**Stefano Marco Debernardi**, residenti f'Aosta (l-Italja),

**Gianfranco Del Mondo**, residenti f'Casoria (l-Italja),

**Salvatore Del Mondo**, residenti f'Gaeta (l-Italja),

**Gianmaria Dellea**, residenti f'Castelveccana (l-Italja),

**Rocco Delsante**, residenti f'Langhirano (l-Italja),

**Gianmarco Di Luigi**, residenti f'Sant'Antimo (l-Italja),

**Alessandro Di Tomizio**, residenti f'Reggello (l-Italja),

**Donata Dibenedetto**, residenti f'Altamura (l-Italja),

**Angela Dolcini**, residenti f'Pavia (l-Italja),

**Denis Dotti**, residenti f'Milano,

**Raffaele Duino**, residenti f'San Martino Buon Albergo (l-Italja),

**Simona Elefanti**, residenti f'Montecchio Emilia,

**Maurizio Elia**, residenti f'Ruma,

**Claudio Falzoni**, residenti f'Besnate (l-Italja),

**Enrico Maria Ferrari**, residenti f'Ruma,

**Giuseppe Ferraro**, residenti f'Pago Vallo Lauro (l-Italja),

**Fiduciaria Cavour Srl**, stabbilita f'Ruma,

**Giorgio Filippello**, residenti f'Caccamo (l-Italja),

**Giovanni Filippello**, residenti f'Caccamo,

**Dario Fiorin**, residenti f'Venezia (l-Italja),

**Guido Fortunati**, residenti f'Verona,

**Achille Furioso**, residenti f'Agrigento (l-Italja),

**Monica Furlanis**, residenti f'Concordia Sagittaria,

**Vitaliano Gaglianese**, residenti f'San Giuliano Terme (l-Italja),

**Antonio Galbo**, residenti f'Palermo (l-Italja),

**Gianluca Gallino**, residenti f'Milano,

**Giandomenico Gambacorta**, residenti f'Ruma,

**Federico Gatti**, residenti f'Besana in Brianza,

**Raffaella Maria Fatima Gerardi**, residenti f'Lavello (l-Italja),

**Mauro Gini**, residenti fi Bressanone

**Barbara Giudiceandrea**, residenti f'Ruma,

**Riccardo Grillini**, residenti f'Lugo (l-Italja),

**Luciano Iaccarino**, residenti f'Verona,

**Vittorio Iannetti**, residenti f'Carrara,

**Franz Anton Inderst**, residenti f'Marlengo (l-Italja),

**Alessandro Lepore**, residenti f'Giovinazzo (l-Italja),

**Hermann Kofler**, residenti f'Merano (l-Italja),

**Fabio Lo Presti**, residenti f'Ponte San Pietro (l-Italja),

**Silvia Locatelli**, residenti f'Brembate (l-Italja),

**Nicola Lozito**, residenti fi Grumo Appula (l-Italja),

**Rocco Lozito**, residenti fi Grumo Appula,

**Fabio Maffoni**, residenti f'Soncino (l-Italja),

**Silvano Maffoni**, residenti f'Orzinuovi (l-Italja),

**Bruno Maironi Da Ponte**, residenti f'Bergamo (l-Italja),

**Franco Maironi Da Ponte**, residenti f'Bergamo,

**Michele Maironi Da Ponte**, residenti f'Bergamo,

**Francesco Makovec**, residenti f'Lesmo (l-Italja),

**Concetta Mansi**, residenti f'Matera,

**Angela Marano**, residenti f'Melito di Napoli (l-Italja),

**Bruno Marchetto**, residenti f'Milano,

**Fabio Marchetto**, residenti f'Milano,

**Sergio Mariani**, residenti f'Milano,

**Lucia Martini**, residenti fi Scandicci (l-Italja),

**Alessandro Mattei**, residenti fi Treviso,

**Giorgio Matterazzo**, residenti f'Seregno (l-Italja),

**Mauro Mazzone**, residenti f'Verona,

**Ugo Mereghetti**, residenti fi Brescia (l-Italja),

**Ugo Mereghetti**, f'isem Fulvia Mereghetti, residenti f'Casamassima (l-Italja),

**Vitale Micheletti**, residenti fi Brescia,

**Giuseppe Mignano**, residenti f'Genoa,

**Fabio Mingo**, residenti f'Ladispoli (l-Italja),

**Giovanni Minorenti**, residenti f'Guidonia Montecelio (l-Italja),

**Filippo Miuccio**, residenti f'Ruma,

**Fiduciaria Cavour Srl**, stabbilita f'Ruma,

**Fulvio Moneta Caglio de Suvich**, residenti f'Milano,

**Giancarlo Monti**, residenti f'Milano,

**Angelo Giuseppe Morellini**, residenti f'Besana in Brianza,

**Barbara Mozzambani**, residenti f'San Martino Buon Albergo,

**Mario Nardelli**, residenti f'Gubbio (l-Italja),

**Eugenio Novajra**, residenti f'Udine (l-Italja),

**Giorgio Omizzolo**, residenti f'Baone (l-Italja),

**Patrizia Paesani**, residenti f'Ruma,

**Daniela Paietta**, residenti f'Arona (l-Italja),

**Luigi Paparo**, residenti f'Volla (l-Italja),

**Davide Pascale**, residenti f'Milano,

**Salvatore Pasciuto**, residenti f'Gaeta,

**Sergio Pederzani**, residenti f'Ossuccio (l-Italja),

**Aldo Perna**, residenti f'Napoli,

**Marco Piccinini**, residenti f'San Mauro Torinese (l-Italja),

**Nicola Piccioni**, residenti f'Soncino,

**Stefano Piedimonte**, residenti f'Napoli,

**Mauro Piliego**, residenti f'Bolzano (l-Italja),

**Vincenzo Pipolo**, residenti f'Ruma,

**Johann Poder**, residenti f'Silandro (l-Italja),

**Giovanni Polazzi**, residenti f'Milano,

**Santo Pullarà**, residenti f'Rimini,

**Patrizio Ragusa**, residenti f'Ruma,

**Rosangela Raimondi**, residenti f'Arluno (l-Italja),

**Massimo Ratti**, residenti f'Milano,

**Gianni Resta**, residenti f'Imola (l-Italja),

**Giuseppe Ricciarelli**, residenti f'San Giustino (l-Italja),

**Enrica Rivi**, residenti f'Scandiano,

**Maria Rizescu**, residenti f'Pesaro (l-Italja),

**Alessandro Roca**, residenti f'Torino,

**Mario Romani**, residenti f'Milano,

**Claudio Romano**, residenti f'Napoli,

**Gianfranco Romano**, residenti f'Pisticci (l-Italja),

**Ivo Rossi**, residenti f'Nettuno (l-Italja),

**Alfonso Russo**, residenti f'Scandiano,

**Iginio Russolo**, residenti f'San Quirino (l-Italja),

**Francesco Sabato**, residenti f'Barcelona (Spanja),

**Giuseppe Salvatore**, residenti f'Silvi (l-Italja),

**Luca Eudilio Sarzi Amadè**, residenti f'Milano,

**Tiziano Scagliola**, residenti f'Terlizzi (l-Italja),

**Antonio Scalzullo**, residenti f'Avellino (l-Italja),

**Liviano Semeraro**, residenti f'Gavirate (l-Italja),

**Laura Liliana Serpente**, residenti f'Ancona (l-Italja),

**Maria Grazia Serpente**, residenti f'Ancona,

**Luciana Serra**, residenti f'Milano,

**Giuseppe Silecchia**, residenti f'Altamura,

**Paolo Sillani**, residenti f'Bergamo,

**Vincenzo Solombrino**, residenti f'Napoli,

**Patrizia Spiezia**, residenti f'Casoria,

**Alberto Tarantini**, residenti f'Ruma,

**Halyna Terentyeva**, residenti f'Concordia Sagittaria,

**Vincenzo Tescione**, residenti f'Caserta (l-Italja),

**Riccardo Testa**, residenti f'Cecina (l-Italja),

**Salvatore Testa**, residenti f'Pontinia (l-Italja),

**Nadia Toneatti**, residenti fi Trieste,

**Giuseppe Ucci**, residenti f'Como,

**Giovanni Urbanelli**, residenti f'Pescara,

**Giuseppina Urciuoli**, residenti f'Avellino,

**Amelia Vaccaro**, residenti fi Chiavari (l-Italja),

**Maria Grazia Valentini**, residenti fi Tuenno,

**Nicola Varacalli**, residenti f'Occhieppo Superiore (l-Italja),

**Giancarlo Vargiu**, residenti f'Bologna (l-Italja),

**Salvatore Veltri Barraco Alestra**, residenti f'Marsala (l-Italja),

**Roberto Vernero**, residenti f'Milano,

**Vincenza Vigilia**, residenti f'Castello d'Agogna (l-Italja),

**Celso Giuliano Vigna**, residenti f'Castel San Pietro Terme (l-Italja),

**Roberto Vignoli**, residenti f'Santa Marinella (l-Italja),

**Georg Weger**, residenti f'Merano,

**Albino Zanichelli**, residenti f'Busana (l-Italja),

**Maurizio Zorzi**, residenti f'Ora (l-Italja),

# Werrej

Il-kuntest ġuridiku .......... 2

Il-fatti li wasslu għall-kawża .......... 2

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet .......... 9

Id-dritt .......... 10

1. Fuq ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-BĊE minħabba att illeċitu .......... 10

Fuq l-ammissibbiltà .......... 10

Fuq il-mertu .......... 14

Fuq il-kundizzjonijiet ta' skattar mill-BĊE tar-responsabbiltà tal-Unjoni skont l-Artikoli 268 TFUE u 340 TFUE .......... 14

Fuq l-aġir allegatament illegali tal-BĊE .......... 15

– Osservazzjonijiet preliminari .......... 15

– Fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi .......... 16

– Fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-"kredituri privati" u tal-klawżola pari passu .......... 19

– Fuq il-motiv ibbażat fuq użu ħażin ta poter u fuq l-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalitŕ, "ta' koerenza u ta' razzjonalitŕ" .......... 24

– Fuq il-motiv ta' ksur tal-Artikoli 123 TFUE u 127 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 21 tal-Istatuti. .......... 25

2. Fuq ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-BĊE minħabba att normattiv leċitu .......... 26

Fuq l-ispejjeż .......... 28